Ħarġa nru 11
Marzu 2014

# l-aċċent

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea

## WERREJ

**Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

- Ix-xejriet tal-Malti I: Il-Malti jgħix fid-dinja tal-ħin 2
- Bil-Kelma t-Tajba 4
- Lejn DEĊIŻJONIJIET 2: Diffikultajiet marbuta mal-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti 5
- *Pajjiż imsieħeb* jew *pajjiż sieħeb*? Il-parteċipju fil-Malti u kif jipparteċipa 13

**Kelma b'kelma: It-terminoloġija**

- Ħieles, liberu u indipendenti 15
- Il-prinċipju ta' legalità jew *nullum crimen, nulla poena sine lege* 19
- Kliem mitluf: Il-KALENDARJU TAL-BIDWI tal-1849 23
- Lejn mappa tad-dinja bil-Malti – għala le? 28

**Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra**

- Minn rebbieħa tal-Juvenes Translatores għal *stagiaire* fid-DĠT 35
- Ir-rwol tal-Uffiċjal tal-Lingwa fir-Rappreżentanza tal-KE f'Malta 36
- Il-VTS f'Malta – Żjarat fl-Università u fis-Settur tas-Sajd u l-Akkwakultura 38
- Mikiel Anton Vassalli, traduttur 41

Il-ħdax numru interessanti. L-endekasillabu. Tim tal-futbol. L-għadd ta' ilsna nazzjonali fl-Afrika t'Isfel, irrikonoxxuti fil-Kostituzzjoni tagħha. Il-gżejjer fil-bajja ta' San Francisco, fosthom Alcatraz, u Angel Island (jew il-*Gżira Angel*?), imsejħa l-Ellis Island tal-punent. Fl-1918, l-Ewwel Gwerra Dinjija ntemmet b'armistizju nhar il-11 ta' Novembru, fil-11 ta' filgħodu. In-numru 11 huwa marbut ħafna wkoll mal-iskaramanzija. Hemm min, meta jilmaħ il-ħin *11:11* fuq arloġġ diġitali, jagħlaq għajnejh u jagħmel xewqa. Fis-sena 11 W.K., l-imperu Ruman ħareġ digriet li pprojbixxa ċerti prattiki ta' tbassir supranaturali, fosthom l-astroloġija. Mur obsor, dak iż-żmien, li inqas minn żewġ millennji wara, il-vettura spazjali Apollo 11 kienet se tniżżel lill-bniedem fuq wiċċ il-qamar.

Parti mill-faxxinu tan-numru 11 ġejja mill-fatt li huwa numru prim, u li huwa l-ewwel numru li jista' jitqies palindromu – ironija sottili, għax huwa numru li ma jistax jiġi diviż, iżda li xorta jista' jinqasam b'simetrija. U hemm raġuni oħra: ir-ripetizzjoni tal-1 tibda sekwenza u tistedinna nżidulha 1 ieħor, u ieħor, u ieħor... Tant hu hekk li, fl-ilsien Bask, il-kelma għan-numru 11 – *hamaika* – tfisser ukoll *l-infinit*, jew *numru bla għadd*. Meta wieħed jgħid bil-Bask, "Għidtlek ħdax-il darba biex tieqaf teżaġera!" il-kelliem ikun proprju qed jeżaġera.



Mingħajr ma neżaġeraw, inkomplu ngħoddu, u nintebħu li lħaqna ħdax-il ħarġa ta' *l-aċċent*, ormaj iktar milli għandna swaba' f'idejna. Bħalma n-numru 11 jagħti sens ta' tkomplija, ta' serje li trid tibqa' għaddejja, xi wħud mill-artikli f'din il-ħarġa huma *works in progress*, il-bidu jew parti minn sensiela: Mark Amaira jippreżenta l-ewwel minn tliet 'imriewaħ' li jillustraw ix-xejriet tal-grammatika Maltija (*il-ħin vs. l-ispazju*, u fil-ħarġiet li ġejjin għad naraw *il-verb vs. in-nom*, u *l-maskil vs. il-femminil*); fit-taqsima dwar it-terminoloġija, hemm diskussjoni preliminari dwar il-possibbiltà (jew ħolma, jew ġennata) li ssir mappa tad-dinja bil-Malti, diskussjoni li

għandha tkompli wkoll fl-edizzjoni li jmiss; u fl-okkażjoni tal-250 anniversarju mit-twelid ta' Mikiel Anton Vassalli, Ivan Said joffrilna tagħrif mill-iktar intriganti dwar il-ħidma tiegħu fil-kamp tat-traduzzjoni, mil-Latin, mill-Franċiż, u mill-Għarbi b'karattri Kufija. Proċess ieħor li għaddej bħalissa huwa t-tfassil tal-kriterji għal DEĊIŻJONIJIET 2 – dwar l-ortografija tal-kliem Malti ta' nisel Ingliż – kif jispjegalna Dr George Farrugia f'artiklu ddettaljat.

Ladarba din hija sena ta' ma nafx kemm-il kommemorazzjoni storika f'Malta (ejjew ngħidu li ħdax, għax tlift il-għadd), jixraq li naraw, flimkien ma' Leanne Ellul, fejn nistgħu niġbdu l-linja semantika bejn il-kliem *liberu*, *ħieles* u *indipendenti*, fi studju xjentifiku msejjes fuq dejta misluta mill-MLRS. Intant, Mark Paul Vella jgħinna nagħżlu bejn *pajjiż sieħeb* u *pajjiż imsieħeb*; Alan Xuereb u David Borg jiddiskutu t-traduzzjoni tal-kunċett legali *nulla poena sine lege*; niltaqgħu ma' Paula Schembri li ħames snin wara li rebħet il-kompetizzjoni *Juvenes Translatores* ingħaqdet magħna bħala *stagiaire*, kif ukoll ma' Brian Buhagiar, l-Uffiċjal tal-Lingwa fl-'antenna' tad-DĠT fil-Belt Valletta; u nilqgħu artiklu sabiħ ħafna ta' Ġużi Gatt, fl-istil tal-ktieb tiegħu QIEGĦDA FIL-PONTA TA' LSIENI, dwar kliem fil-qasam agrikolu li sab f'*Il-Kalendarju tal-Bidwi* tal-1849 u li llum il-ġurnata għoddu ntilef.

Ma nafx jekk *l-aċċent* qattx jilħaq wiċċ il-qamar, iżda nafu li jasal 'il bogħod, u li l-għadd u l-interess tal-qarrejja qed jiżdiedu ma' kull ħarġa. Ninsabu kuntenti, b'mod partikulari, bir-rispons li nirċievu minn Malta: ma naħsibx li nkun qed neżaġera jekk ngħid li *l-aċċent* ormaj jilħaq iktar qarrejja f'Malta (l-università, it-tradutturi freelance, ġurnalisti, għalliema, il-pubbliku ġenerali...) milli fost il-kollegi tagħna bejn il-Lussemburgu u Brussell. Dan huwa pożittiv għax il-ħidma tat-traduzzjoni hija ta' natura solitarja, ta' sikwit iżolata, u permezz ta' rivista bħal din jinbnew aktar pontijiet ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni bejn il-kontinent u l-gżejjer.

Nibqgħu nilqgħu artikli u proposti ta' artikli dwar kwalunkwe aspett tal-lingwa, fl-indirizz L-ACCENT@ec.europa.eu. Intant, inkomplu s-serje, u forsi xi darba – min jaf? – għad nilħqu n-numru 111...

*Antoine Cassar*
*f'isem il-Bord Editorjali*

---

## BIR-REQQA
***Il-lingwa miktuba u mitħaddta***

---

### Ix-xejriet tal-Malti I:
### Il-Malti jgħix fid-dinja tal-ħin
Mark Amaira

Kemm ili nsir midħla tal-istrutturi tal-Malti, bdejt nagħraf il-bżonn li nlaqqa' lill-qarrej mal-Malti li qed insir naf u naqsam miegħu dawk il-karatteristiċi li narahom jispikkaw u li jagħtuh ċerta identità. Minkejja li dawn il-karatteristiċi jaf qed jitnebbħu wisq mis-soġġettività ta' *min* hu lsienna u jistrieħu żżejjed fuq l-għarfien tiegħi bħala kelliem nattiv, f'dal-artiklu nipprova ntaffi dan kollu b'eżempji muftieħ li fl-idjolett tiegħi nqishom aktar naturali fit-taħdit u l-kitba.

Dil-ewwel karatteristika – **il-Malti jgħix fil-ħin** – mhix assoluta, anzi qed nippreżentaha fi mrewħa li mill-**ħin** tkanġi ħelu ħelu fl-**ispazju**.




**1.** Mingħajr dubju, fil-Malti l-kunċett tal-**fejn** jitħaddem tajjeb meta s-suġġett ikun konkret, aktarx tanġibbli, f'xi post (*x*, *y*, *z*) fl-ispazju ta' madwarna kif juru [01] sa [03]. Iżda fl-astratt, il-Malti jaf ikampa mingħajr il-kunċett tal-**fejn**, kapaċi jdur miegħu qisu mhux hu, u jirnexxilu jaħfen is-sens kollu tal-argument mingħajru. Minflok il-**fejn** li tintuża fis-sentenzi [04] sa [06], jidhirli li l-Malti jinqeda aħjar bi kliem temporali bħal *matul*, *waqt*, *xħin* u *meta*, kif juru [07] sa [09].

[01] **Fejn** staħbejtli, wara l-kaxxa?

[02] Se nkun qed nistenniek **fejn** il-bieb.

[03] Poġġih **fejn** trid; tista' tpoġġih fuq jew isfel, fl-għoli jew fil-baxx.

[04] Il-Prim Ministru attenda għal-laqgħa tal-Kunsill fejn ippreżenta rapport...

[05] Ninsab ġewwa l-Mosta fejn qed issir il-fiera annwali tat-tadam.

[06] Ara fejn japplika dan il-kriterju.

[07a] Il-Prim Ministru attenda l-laqgħa **u matulha** ppreżenta rapport...

[07b] **Waqt** il-laqgħa tal-Kunsill il-Prim Ministru ppreżenta rapport...

[08] Ġejt il-Mosta għall-fiera tat-tadam.

[09] Ara **meta** japplika dan il-kriterju.

**2.** Il-**fi** u l-**ġewwa** jsawru l-istess argument. Fil-każ tan-nomi proprji bħall-ismijiet tal-postijiet u tal-pajjiżi, jidhirli li l-Malti jaf jgħaddi mingħajr dal-kliem spazjali, kif juru s-sentenzi [12] u [13] minflok is-sentenza [10] filwaqt li meta jittratta oġġett f'ieħor f'xi post (*x*, *y*, *z*) fl-ispazju madwarna, il-Malti jinqeda tajjeb bil-**fi** u l-**ġo**, kif juru s-sentenzi [14] u [15] minflok is-sentenza [11].

[10] Ninsab ġewwa/fil-Belt Valletta.

[11] Dħalt ġewwa l-knisja ta' Santa Marija.

[12] Qiegħed il-Belt, wara/quddiem/fejn il-Knisja ta' Ġieżu.

[13] Daż-żarbun magħmul l-Italja.

[14] Dħalt **ġo**/**fi**l-knisja ta' Santa Marija.

[15] Poġġih **ġo**/**fi**l-kaxxa.

**3.** Meta jittratta d-direzzjonijiet jew iċ-ċaqliq minn xi post (*x*, *y*, *z*) għal xi post ieħor fl-ispazju ta' madwarna, il-Malti jinqeda bil-**lejn**, l-**għal** u s-**sa**, kif juru s-sentenzi [16] sa [18], iżda fl-astratt jinqeda aħjar mingħajr il-**lejn**, kif jidher fis-sentenzi [21] u [22] minflok [19] u [20].

[16] Miexi **lejn**/**sa**d-dar.

[17] Jesportahom **lejn**/**għal**/**sa**l-Italja.

[18] Immira **lejn** il-plattini.

[19] Din tgħin lejn l-ilħuq tal-għanijiet.

[20] Immira lejn A jew B, imma kkuntenta xorta bis-C.

[21] Din tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet.

[22] Immira **għal** A jew B, imma kkuntenta xorta bis-C.

**4.** Meta jittratta l-għoli u l-fond (*x*, *y*, *z*) fl-ispazju ta' madwarna, il-Malti jinqeda bil-**fuq** u bit-**taħt**, kif turi [23], iżda fl-astratt jinqeda aħjar mingħajrhom, kif juru [24] sa [26] minflok [27] sa [29].

[23] Jien nistaħba **fuq** il-bejt u inti **taħt** is-sodda.

[24] Din l-awtorizzazzjoni taqa' taħt ir-responsabbiltà ta'...

[25] Awtorizzazzjonijiet taħt kundizzjonijiet stretti.

[26] Il-laqgħa saret fuq talba tal-Kummissjoni.

[27] Din l-awtorizzazzjoni hi **fir**-responsabbiltà ta'...

[28] Awtorizzazzjonijiet **b'**kundizzjonijiet stretti.

[29] Il-laqgħa saret għax talbitha/intalbet mill-Kummissjoni.

Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int – il-Malti mhux talli ssellef kliem u espressjonijiet mil-lingwi ġirien u tħallat magħhom, iżda l-kelliem-semmiegħ nattiv tal-Malti ttieħed anke mill-mod kif jaħsbu l-kelliema ta' dawn il-lingwi l-oħra.

L-ideat u t-termini spazjali li jixirqu u juża l-Ingliż, żgur aktar mill-Malti, ifeġġu kemm-il darba waqt it-taħdit u l-kitba, tant li ħafna minnhom daħlu fi lsienna u saru għalkollox Maltin, taw bixra ġdida jew imġedda lill-identità tal-lingwa bħallikieku din l-imrewħa, u ż-żewġ imriewaħ l-oħra li se nittratta fil-ħarġiet li jmiss ta' *l-aċċent*, qed jinbidlu maż-żmien skont l-influwenzi u l-eżiġenzi.

*Mark Amaira huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

## Bil-Kelma t-Tajba

Prof. Manwel Mifsud

**Servizz tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

**Mistoqsija:** Fil-Malti għalfejn niktbu l-**għ** (għajn) u l-**h** (akka), la ma għandhomx ħoss?

**Tweġiba:** Proprjament, ħoss ġieli jkollhom, eż. *qligħ*, *taqtagħha*, *ikrah*, *għalih* imma hu veru wkoll li wisq iktar drabi jkunu siekta.

**Spjega:** L-Għarbi, missier il-Malti, għandu żewġ tipi ta' għajn (kull waħda bil-ħoss tagħha) u għandu l-akka (li tinstema' bħal **ħ** ħafifa). Mill-kitbiet qodma jidher li, dari, fil-Malti kienu għadhom jinstemgħu, u – ħaġa tal-għaġeb – anke llum f'xi djaletti mbiegħda miċ-ċentri urbani, ngħidu aħna fl-Għarb, Għawdex, għadek tista' tismagħhom ċari, ġawhar tal-istorja tal-Malti. Mela żgur li mhumiex xi invenzjoni kapriċċuża ta' min iddeċieda li nibqgħu niktbuhom.

Fis-sewwa, madankollu, min fl-1924 qatagħha li jibqgħu jinkitbu seta' wkoll qatagħha li ma jinkitbux. Illum, kważi disgħin sena wara dik id-deċiżjoni importanti, nistgħu nippruvaw nifhmu x'kienu r-raġunijiet li ġegħluhom jiddeċiedu hekk u mhux mod ieħor.

**1.** Qabelxejn, din ma kinitx xi invenzjoni ġdida. Sa mill-qedem, meta l-**għ** u l-**h** kienu għadhom jinstemgħu, min kien jiktibhom aktarx kien juża **gh** għall-**għ** u **h** għall-**h**. Mela kien hemm tradizzjoni tal-kitba tagħhom, li r-regoli tal-1924 għażlu li jirrispettaw.

**2.** Il-ħsejjes irrappreżentati mill-**għ** u l-**h** nafu li ma spiċċawx f'daqqa, imma dgħiefu u ġew fix-xejn. Dan ifisser li aktar minn tmenin sena

ilu, aktarx li kienu għadhom ippronunzjati minn għadd ta' nies ikbar minn tal-lum. Terġa', Ninu Cremona, l-aktar studjuż li ħadem biex twaqqfet il-kitba tal-Malti, kien Għawdxi, u bħala Għawdxi aktarx li kien midħla sewwa ta' dawn il-ħsejjes użati madwaru.

**3.** Imma forsi l-aktar raġuni importanti kienet il-grammatika tal-Malti. Il-kelma Maltija tinbena minn għerq u forma, skont għadd ta' forom (jew mudelli) stabbiliti. Jekk tneħħi l-**għ** u l-**h** mill-kitba, waqt li minn banda tkun qed tħaffef il-kitba għax tagħmilha iktar fonetika (tikteb kif tisma'), mill-banda l-oħra tkun qed tfarrak l-unità tal-mudelli tal-lingwa, għax tista' tgħid kull nom jew verb bl-**għ/h** jibda jagħti forma ġdida għalih. U hekk tista' tispiċċa ttaqqal dak li tant xtaqt tħaffef.

Illum bosta Maltin iħossu li dawn is-simboli, imqar jekk għalihom huma għajn ta' tfixkil u inċertezza, huma parti mill-identità viżiva tal-ilsien Malti u lanqas biss joħolmu li jistgħu jitneħħew. Din hija logħba bejn it-tħaffif tal-ortografija u r-rispett lejn it-tradizzjoni tal-kitba, logħba li fis-sewwa qegħdin fiha bosta lingwi miktuba, mhux il-Malti tagħna biss.

*Ħajr lill-Prof. Manwel Mifsud li jagħtina permess nippubblikaw dawn is-siltiet*

~ • ~

**Lejn Deċiżjonijiet 2: Diffikultajiet marbuta mal-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti**
Dr George Farrugia

M'għandniex nistagħġbu li f'aktar minn mitejn sena ta' kuntatt mal-Ingliż daħal fi lsienna bosta kliem minn din il-lingwa, kliem li xi wħud minnu jintuża b'mod limitat f'oqsma speċjalizzati, kliem ieħor li jkun qeda l-funzjoni efimera tiegħu u li maż-żmien twarrab għal xi raġuni jew oħra, u kliem li l-użu tiegħu huwa mifrux ħafna f'oqsma varji u fost setturi differenti tal-poplu Malti. Il-fatt li llum bosta Maltin jafu sew l-Ingliż u l-fatt li l-mezzi ta' komunikazzjoni huma tant b'saħħithom, qegħdin bla dubju jħaffu u jiffaċilitaw dan il-proċess ta' tislif ta' kliem mill-Ingliż fil-Malti. Hawn min iqis din l-invażjoni ta' kliem Ingliż bħala l-fattur ewlieni li se jwassal il-Malti għall-qerda tiegħu u hawn min jikkunsidraha bħala opportunità li qed tarrikkixxi lil ilsienna u mezz ta' kif nistgħu nitkellmu u niktbu fuq oqsma ġodda li qabel kienu aljeni għalina. Wara kollox, kien hemm żmien fejn imqar l-Ingliż innifsu kellu jisselief mijiet ta' kliem minn lingwi oħra biex ikopri kunċetti marbuta ma' oqsma differenti bħal, ngħidu aħna, l-amministrazzjoni, il-liġi, ir-reliġjon, il-militar, l-ikel u x-xorb, il-moda, l-arti, ix-xjenza u t-tagħlim. Imma l-għan ta' din il-ktiba mhuwiex fuq jekk għandniex inqisu l-Ingliż bħala theddida jew bħala barka mis-sema għal ilsienna; l-għan huwa kif se niktbu bil-Malti l-kliem li qed nissellfu minn din il-lingwa – suġġett li għal dawn l-aħħar għoxrin, tletin sena qajjem mistoqsijiet, diskussjonijiet u kultant anke polemika. Dan l-artiklu ma joffrix soluzzjonijiet għall-kitba ta' dan il-kliem imma jsaqsi bosta mistoqsijiet u f'xi każi, isemmi possibbiltajiet li tajjeb li jkunu kkunsidrati qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet finali.

**L-Akkademja u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (KNM)**

Qabel twaqqaf il-KNM fl-2005 bis-saħħa tal-Liġi tal-Malti, il-Kap. 470, ir-regoli tal-kitba, inkluż il-kitba ta' kliem ġdid li jidħol fil-Malti kienu jiġu stabbiliti mill-Akkademja tal-Malti. Fil-fatt, fl-1984 l-Akkademja ppubblikat iż-Żieda mat-Tagħrif, ġabra ta' regoli li jiffukaw l-aktar fuq l-ortografija ta' neoloġiżmi Anglo-Sassoni u Rumanzi li daħlu fil-Malti minn wara l-pubblikazzjoni tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija fl-1924 li huwa l-pedament tar-regoli tal-kitba bil-Malti. L-Akkademja, fl-1992 ippubblikat ukoll l-Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija tal-1924. Dan l-aġġornament fih tmien regoli tal-ortografija fosthom, il-kitba ta' nomi u aġġettivi bil-**għ**

bħala l-ewwel konsonanti tal-għerq tagħhom, il-prefiss **j** quddiem verbi li jibdew bil-**għ** jew bil-**h** u l-kitba tal-konġunzjoni **u**.

Mat-twaqqif tal-KNM kull tibdil fl-ortografija sar responsabilità tiegħu. Wieħed mill-għanijiet tal-Kunsill hu li "jagħmel kull aġġornament li jkun meħtieġ fl-ortografija tal-Ilsien Malti u, minn żmien għal ieħor, skont il-ħtieġa, jistabbilixxi l-mod kif għandu jinkiteb il-kliem ġdid fil-Malti u l-kitba korretta ta' kliem u frażijiet li jidħlu fil-Malti minn ilsna oħra."[1]

Biex jilħaq dan il-għan il-KNM identifika tliet oqsma marbuta mal-ortografija li għandhom jiġu indirizzati biex jiġu stabbiliti regoli uffiċjali li jistandardizzaw l-ortografija. Dawn huma:

**1.** il-kitba tal-varjanti ortografiċi: xogħol li sar bid-DEĊIŻJONIJIET 1 li saru uffiċjali fil-25 ta' Lulju 2008,
**2.** il-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti, u
**3.** il-kitba tal-varjanti fonetiċi.

Bħalissa l-KNM qed jaħdem fuq it-tieni proġett. Il-bidu tal-ħidma kien sewwasew fl-2008 meta l-KNM ħareġ stqarrija u għamel diversi reklami fil-gazzetti li permezz tagħhom stieden lil kull min kien interessat jagħti l-fehma tiegħu dwar il-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti biex jikteb fehmietu u jgħaddihom lill-Kunsill. Il-ktibiet ta' dawk kollha li laqgħu din is-sejħa nġabru fi ktieb li serva bħala dokument għad-diskussjoni ta' seminar li ġie organizzat fit-12 ta' April 2008. Wara s-seminar twaqqaf Kumitat ta' persuni li ġejjin minn oqsma differenti tal-ħajja biex jiddiskutu l-fehmiet kollha li kienu ħarġu mis-seminar u mill-kitbiet ta' individwi differenti li baqgħu jiktbu fuq dan is-suġġett anke fil-gazzetti. Il-Kumitat iltaqa' bosta drabi biex ifassal abbozz ta' regoli dwar il-kitba tal-kliem Ingliż.

[1] Il-Kapitolu 470 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar l-Ilsien Malti, 2004, it-Taqsima II 5(2).

**Ir-regoli attwali**

Sakemm jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-kitba tal-kliem Ingliż wieħed għandu japplika l-ftit regoli li għandna dwar dan is-suġġett, regoli li b'xorti ħażina baqgħu mhux daqstant magħrufa jew inkella, mhux applikati minn bosta. Dawn ir-regoli qegħdin fiż-ŻIEDA MAT-TAGĦRIF. Fil-preambolu taż-ŻIEDA nsibu mniżżel li "l-ikbar interferenza fl-ilsien Malti daħlet mill-ilsien Ingliż minħabba li dan la jitlissen u lanqas isegwi l-fonetika jew l-ortografija Maltija" u minħabba f'hekk "spiss jinħolqu konflitti u diffikultajiet fuq kif għandna niktbu xi kliem li daħal fil-Malti minn dan l-ilsien." Skont iż-ŻIEDA dan jiġri għax kliem bħal dan ikun għadu ġdid u ma ndarax fil-Malti.

Fit-taqsima tal-Regoli Fundamentali, fl-ewwel punt, insibu kumment interessanti: "Il-kliem ta' nisel barrani jieħu l-valur tiegħu bħala kliem Malti meta jkun aċċettat u użat mill-poplu. Minn dak il-ħin għandu jitqies li hu biċċa mill-ilsien Malti, u biex tiktbu la jeħtieġ li tmur għall-oriġini tiegħu fl-ilsien barrani u lanqas hemm bżonn li tkun taf ilsna barranin. Trid tkun taf biss kif il-kelma tingħad u tinħass fil-Malti. Din turihielna l-fonetika – jiġifieri kif il-kelma tinħass fil-widna għax hekk daħħalha l-poplu." Il-punt huwa tajjeb imma fil-verità, fil-Malti nsibu bosta regoli fejn il-prinċipju etimoloġiku fil-każ tal-kitba tal-kliem missellef, huwa l-uniku fattur li jiddetermina l-kitba ta' dan il-kliem, fosthom il-każ klassiku tar-regola nru 1, it-Taqsima Ċ, fiż-ŻIEDA stess, li tittratta l-kitba tal-vokali **i** etimoloġika.

Ir-Regola nru 3 tar-Regoli Fundamentali tibqa' tisħaq li kliem barrani li fonetikament, u xi drabi anke ortografikament, ma joffri l-ebda diffikultà biex jinkiteb skont ir-regoli tal-ortografija Maltija għandu jinkiteb kif jinħass. Minkejja li skont ir-regola dan il-kliem jinkiteb "ħafna drabi saħansitra bħall-oriġinal" u jingħataw eżempji bħal *agonizzant*, *filament* u *spara*, b'xorti ħażina l-kliem Ingliż li jidħol f'din il-kategorija huwa relattivament ftit

minħabba li s-sistema fonetika tal-Ingliż, l-aktar fil-każ tal-vokali, hi differenti ħafna mis-sistema nattiva ta' lsienna. Madankollu, regola nru 4 tistqarr li għad hemm għadd ta' kliem, l-iktar mill-Ingliż li "ħoloq xi diżgwid fost il-kittieba u l-għalliema... u nuqqas ta' direzzjoni l-iktar mix-xandara u mill-istampaturi." Skont din ir-regola dan il-kliem jew (kien) għadu x'aktarx rari fil-Malti, eż. *aircraft-carrier*, *contour*, *chassis*, *high-tension*, jew inkella aktar imdorrijin niktbuh f'ilsna oħra, eż. *snooker*, *boxer* u *skates*.

Fit-taqsima tar-Regoli Partikolari nsibu biss ħames regoli li b'xi mod għandhom x'jaqsmu mal-kitba tal-kliem Ingliż. Ir-Regola nru 1, dwar il-kliem barrani li jibda bil-vokali **i**, minkejja li hija aktar maħsuba għall-kliem ta' nisel Rumanz, tapplika wkoll għall-kliem missellef mill-Ingliż, ladarba tirreferi b'mod ġenerali għall-kliem barrani. Għaldaqstant, fi kliem bħal *internet*, *interpol* u *input* l-**i** għandha titqies bħala parti integrali mill-kelma u tibqa' tinkiteb dejjem imqar meta l-kelma ta' qabel tkun tispiċċa b'vokali.

Ir-Regola nru 2 tirreferi għal dawk il-verbi li jibdew b'konsonanti waħda fl-oriġinal u li dawn 'isiru Maltin' billi jiddupplikaw din il-konsonanti pereżempju, mill-verb Ingliż *to challenge* niktbu $^{i}$*ċċalinġġja* u minn *to shoot* niktbu $^{i}$*xxuttja*. Ir-regola tgħidilna li f'każijiet bħal dawn il-vokali **i** li tinkiteb quddiem il-kelma għandha titqies bħala vokali tal-leħen. Fl-Aġġornament dir-regola ġiet estiża wkoll għan-nomi mnissla minn verbi ta' nisel Ingliż u Rumanz, eż. $^{i}$*pparkjar* < $^{i}$*pparkja* u $^{i}$*ttajpjar* < $^{i}$*ttajpja*.[2]

Dan il-proċess ta' ġeminazzjoni tal-ewwel konsonanti taz-zokk morfemiku mhuwiex ġdid fi lsienna minħabba li kien diġà tħaddem fil-kuntatt preċedenti li l-Malti kellu mal-Isqalli u mat-Taljan f'verbi li Mifsud[3] jirreferi għalihom bħala verbi ta' tip Ċ, eż. $^{i}$*ttanta*, $^{i}$*ppretenda*, $^{i}$*kkastiga*, $^{i}$*kkalkula*, $^{i}$*ffavorixxa*, $^{i}$*ppubblika* u bosta oħrajn.

Ir-Regola nru 9 tirreferi għall-kliem li daħal mill-Ingliż u li fih il-vokali **i** jew **u** mkarkrin. Dawn il-vokali m'għandhomx ikunu segwiti bis-semivokali **j** jew **w** rispettivament imma għandhom isegwu r-regoli normali tal-Malti bħalma jiġri fil-kitba ta' kliem bħal *tmun*, *studja*, *snin* u *inklina*. Bl-istess mod, għandna niktbu kliem bħal *st**i**m* (*steam*), *t**i**m* (*team*), $^{i}$*ll**i**dja* (*led*), *sk**u**ter* (*scooter*), *sn**u**ker* (*snooker*). Dan jiġri għax fil-Malti l-vokali twila /iː/ ortografikament tikkorrispondi għal **i**, grafema li tirrappreżenta wkoll il-vokali qasira /ɪ/, u l-vokali twila /uː/ ortografikament tikkorrispondi għal **u**, grafema li tirrappreżenta wkoll il-vokali qasira /ʊ/. Għaldaqstant fil-Malti ma nagħmlux distinzjoni fil-kitba tal-vokali **i** u **u** fi kliem bħal *ġibt* u *ġib* (**ġijb)* u *punt* u *dur* (**duwr*).

Ir-Regola nru 10 titkellem dwar kliem li fl-ilsien barrani jispiċċa b'konsonanti waħda iżda fil-Malti jinħass b'konsonanti mtennija. Kliem bħal dan għandu jsegwi l-fonetika tal-Malti u jinkiteb b'konsonanti doppja, eż. *plagg*, *magg*, *klabb*, *gass*, *vann* u *fann*. Bil-loġika ta' din ir-regola, kliem li fl-Ingliż jinkiteb b'konsonanti doppja u li fil-Malti jinħass b'konsonanti waħda għandu wkoll isegwi r-regoli tal-fonetika u jinkiteb b'konsonanti waħda, eż. *driler*, *tenis*, *seting* u *esej*.

Ir-Regola nru 11 tirrigwarda l-kitba tal-ismijiet proprji li jirreferu għal persuni u postijiet. Fil-każ ta' ismijiet proprji barranin għandhom jibqgħu jinkitbu bħal fl-oriġinal anke meta jkollhom sura Maltija, eż. *George* (*Ġorġ*), *Arthur* (*Turu*) u *Joseph* (*Ġużeppi*). Fil-każ tal-ismijiet ta' pajjiżi li ma ħadux għalkollox sura Maltija għandhom jibqgħu jinkitbu bħall-

[2] Ara l-Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija tal-1924, ir-Regola V, p. 19.

[3] Mifsud, Manwel (1995). Loan Verbs in Maltese. Leiden: E.J. Brill.




Dr George Farrugia (xellug) waqt seminar għat-tradutturi tal-Kummissjoni Ewropea f'Novembru tal-2013

oriġinal jekk aħna llissnuhom bħall-oriġinal, eż. *New Zealand*, *Manchester*, *Liverpool*, *Coventry*, *Leicester*, *New York* u *Munich*. Dan ifisser ukoll li dawn l-ismijiet iridu jibqgħu jinkitbu (fil-qofol tagħhom) bħall-oriġinal anke meta fil-Malti nnisslu xi kelma oħra minnhom. Hekk niktbu *sunett Shakespearjan* u mhux *sunett *Xejksperjan*, ngħidu aħna.

## Soluzzjonijiet diffiċli

Is-soluzzjonijiet dwar il-kitba tal-kliem Ingliż mhumiex faċli. L-ortografija tagħna hi bbażata fuq prinċipji differenti (fonetiċi, fonoloġiċi, morfoloġiċi, etimoloġiċi u viżivi). Ir-regoli ortografiċi huma kompromess bejn dawn il-prinċipji li, minkejja li normalment jaħdmu flimkien f'ġerarkija stabbilita, f'xi każi bħal donnhom jiġu f'kunflitt u xi prinċipju minnhom jingħata aktar importanza mill-oħrajn. Hekk, ngħidu aħna, minkejja li fil-ftit regoli li għandna s'issa għall-kitba tal-kliem Ingliż, il-prinċipju fonetiku jingħata importanza kbira, madankollu wieħed ma jridx jinjora l-prinċipji l-oħra, b'mod speċjali l-prinċipju viżiv. Ħafna drabi ssir reżistenza għall-kriterju fonetiku billi llum għandna konoxxenza tajba ħafna tal-Ingliż u għalhekk kliem missellef minn din il-lingwa x'aktarx li nkunu diġà drajna narawh miktub bil-verżjoni oriġinali tiegħu. Għaldaqstant, jekk narawh miktub mod ieħor f'xi kitba bil-Malti, l-ewwel reazzjoni tagħna tkun li nirreżistu din il-forma grafika ġdida minkejja li tista' tkun korretta u l-aktar waħda li tagħmel sens.

## L-għażla tal-kliem

Imma d-diffikultajiet jibdew mill-bidu nett. Qed nitkellmu fuq il-kitba tal-kliem Ingliż imma eżattament għal liema kliem Ingliż qed nirreferu? Għall-kliem kollu? Għal xi kliem partikolari? U jekk qed nirreferu għal xi grupp partikolari ta' kliem, xi grupp għandna f'moħħna u fuq liema kriterju se nagħżluh? Jiġifieri hawn qed nitkellmu fuq jekk għandniex niktbu fil-Malti kliem bħal *teacher*, *baby* jew *Christmas*? Ir-Regola Fundamentali nru 5 taż-ŻIEDA tgħidilna "li kelma barranija ssir Maltija, u tinkiteb skont regoli fonetiċi Maltin, meta tkun daħlet fil-Malti mitkellem u ma tiksirx ir-regoli ortografiċi Maltin, u meta

toqgħod għar-regoli grammatikali tal-Malti bħal pereżempju tieħu l-plural Malti, tikkonjuga ruħha, jew iżżid prefissi jew suffissi Maltin."

Ikollna nistqarru, iżda, li regola bħal din hija pjuttost vaga minħabba li mhuwiex faċli tgħid meta kelma tkun daħlet fil-Malti mitkellem. Kelma li ftit li xejn tintuża minn xi ħadd tista' tkun waħda mill-aktar kelmiet użati fl-idjolett ta' xi ħadd ieħor. Dan jiġri l-aktar fil-każ ta' kliem marbut ma' reġistri partikolari. Jekk niddeċiedu li se niktbu bil-Malti dak il-kliem Ingliż li minnu nnisslu kliem ieħor, dan ikun ifisser li żgur li l-Malti se jimtela b'mijiet ta' varjanti ortografiċi.

B'eżempju ta' dan nistgħu nsemmu lil xi ħadd li b'dan il-kriterju jikteb *ħajlajter* għax juża l-verb *jiħħajlajtja* jew *kuler* għax jgħid *tikkulja*. Xi ħadd ieħor jiktibhom *highlighter* u *cooler* għax *jiħħajlajtja* u *tikkulja* jkun għadu jqishom bħala kelmiet barranin u ma jużahomx. Proposta bħal din nistgħu nħarsu lejha, jew bħala mod kif narrikkixxu l-Malti bi kliem ġdid, jew inkella bħala konfużjoni sħiħa. Tajjeb niftakru li eluf ta' kliem fid-dizzjunarju tal-Ingliż, anke l-aktar nomi u verbi li llum narawhom strambi, teoretikament għandhom potenzjal jidħlu fis-sistema inflettiva nominali u verbali tal-Malti.

Għaldaqstant, dan il-kliem se nikkunsidrawh ukoll biex niktbuh kollu bil-Malti jew se niddeċiedu biss fuq numru ta' kliem partikolari u b'hekk nevitaw ħafna varjanti? U jekk se niddeċiedu fuq lista ta' kliem, din se tkun lista magħluqa jew se tibqa' tkun aġġornata minn żmien għal żmien? Xi mkien trid tinqata' linja u fost l-aktar mistoqsijiet bażiċi li rridu nwieġbu qabel infasslu xi regoli nsibu dawn:

**1.** Xi kriterji ċari se nużaw biex kelma Ingliża se nqisuha li daħlet tassew fil-Malti? U jekk daħlet, f'liema forma tal-lingwa, fit-taħdit, fil-kitba, fit-tnejn? F'liema kuntesti lingwistiċi l-aktar li tintuża?

**2.** Il-kelma hi vera meħtieġa fi lsienna? Fi kliem ieħor, qed taqla' b'kapriċċ kelma oħra nattiva li għadha fl-użu, jew neħtiġuha tassew għax m'għandniex kelma oħra bil-Malti li tkopri eżattament l-istess arja semantika tagħha?

**Kif se niktbuh?**

Wara li tittieħed id-deċiżjoni fuq liema kliem Ingliż se jkun aċċettat fil-kitba bil-Malti, trid tittieħed deċiżjoni oħra: kif se niktbu dan il-kliem. Kliem li diġà drajna niktbuh bil-Malti bħal *friġġ*, *kuker*, *futbol*, *plejer*, *tim* u *swiċċ* se nibqgħu niktbuh bil-Malti jew hemm il-possibbiltà li nerġgħu nibdew niktbuh bl-Ingliż? U jekk naqblu li teżisti din il-kategorija ta' kliem li diġà ndara, għandna bżonn lista oħra tiegħu biex niġbruh kollu u kulħadd ikun jaf għal liema kliem qed nirreferu eżatt?

Hemm aktar minn possibblità waħda kif nistgħu niktbu l-kliem Ingliż fil-Malti, fosthom:

**1.** il-kelma titħalla miktuba bl-Ingliż, eż. dehumidifier, roundabout,
**2.** il-kelma tinkiteb bl-Ingliż imma bil-korsiv, *dehumidfier, roundabout,*
**3.** il-kelma tinkiteb bl-Ingliż imma fil-virgoletti, 'dehumidifier', 'roundabout', jew
**4.** il-kelma tinkiteb kif tinstema' bil-Malti skont ir-regoli ortografiċi tal-Malti, diħjumidifajer, rawndebawt.

Kull waħda minn dawn il-possibbiltajiet trid tiġi analizzata għall-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha. Mhux bilfors tingħażel possibbiltà waħda li tkun tapplika għall-kliem kollu. F'każ li tingħażel il-possibbiltà **4.** wieħed irid ikun konxju mill-fatt li din tista' toħloq bosta varjanti ortografiċi. Hekk wieħed jista' jikteb *bejken* jew *bejkin*, *festival* jew *festivil*, *kabord* jew *kabort*, *kaberd* jew *kabert*, ngħidu aħna.

Dan x'aktarx jiġri minħabba li l-kelliema:

**1.** ikunu jlissnu l-kelma, b'mod naturali għalihom, bi pronunzja li toqrob ħafna lejn dik oriġinali għax ikunu jafu tajjeb l-Ingliż jew għax ikollhom kuntatt akbar miegħu, jew inkella
**2.** jagħmlu hekk b'mod konxju għax jaħsbu li l-pronunzja Ingliża għandha aktar prestiġju soċjali.

F'dan il-każ ukoll trid tittieħed deċiżjoni jekk hux se jinżamm varjant ortografiku wieħed jew inkella l-varjanti kollha possibbli jitqiesu bħala korretti. Hawn ukoll tidħol il-problema ta' kliem li diġà drajna niktbuh bil-Malti bħal *maniġer* vs. *meniġer*, *telefon* vs. *telefown*. Kliem bħal dan aktarx ġejna f'kuntatt miegħu f'żewġ perjodi differenti: l-ewwel meta l-parti l-kbira tal-Maltin kienet għadha monolingwi u l-kuntatt mal-Ingliż, bħala lsien tal-ħakkiem, kien għadu limitat, u t-tieni, aktar reċenti, meta l-parti l-kbira tal-Maltin huma bilingwi, għalkemm bi gradi differenti, u l-kuntatt mal-Ingliż bħala lsien internazzjonali huwa aktar qawwi fis-sens li bosta Maltin illum jafu sew din il-lingwa.

Problema oħra hi kif il-kliem Ingliż se jitniżżel fid-dizzjunarju. Jekk se jkollna sistema fejn xi kliem se jitħalla miktub bl-Ingliż u kliem ieħor se jinkiteb la Maltija, irridu naħsbu f'liema ordni se npoġġuh fid-dizzjunarju tal-Malti. Se nużaw sistema li:

**1.** tiġbor il-kliem kollu flimkien u li tibbaża fuq il-ħoss tiegħu, eż. *kostum*, *kotor*, *kowċ*, *code*, *coat*?
**2.** tiġbor il-kliem kollu flimkien u li tibbaża fuq il-kitba tiegħu, eż. *coat*, *code*, *kostum*, *kotor*, *kowċ*? jew
**3.** tpoġġi l-kliem ta' nisel Ingliż u li se jitħalla miktub bl-Ingliż f'taqsima fid-dizzjunarju li tkun separata mill-kliem l-ieħor?

Jekk il-kliem mill-Ingliż jew xi kliem mill-Ingliż se nagħżlu li niktbuh fonetikament bil-Malti, irridu naħsbu wkoll biex insolvu fost oħrajn, każijiet li tal-morfema -s tal-plural, pereżempju se niktbu *klabbż* jew *klabbs*, *xorts* jew *xorz*, *buts* jew *buz*?

**Il-konsonanti doppji**

Problema oħra li trid tissolva hija jekk fiz-zokk morfemiku ta' nisel Ingliż hux se niktbu konsonanti waħda jew konsonanti doppja meta nikkonjugaw ċerti verbi. Dan jiġri billi verbi bħal dawn hawn min jippronunzjahom b'modi differenti. Hekk, ngħidu aħna, hawn min jgħid /jɪˈpːɐnɪkjɐ/ bl-aċċent ewlieni fuq it-tieni sillaba u għaldaqstant jikteb *jippanikja*, u hawn min jgħid /jɪpːɐˈnɪkːjɐ/ bl-aċċent ewlieni fuq it-tielet sillaba u għalhekk jikteb *jippanikkja*. Eżempji ta' dan it-tip huma l-verb *jippolixja* imlissen /jɪˈpːɔlɪʃjɐ/ vs. *jippolixxja* /jɪpːɔˈlɪʃːjɐ/, jew il-verb *jiddribilja* imlissen /jɪdːˈrɪbɪljɐ/ vs. *jiddribillja* /jɪdːrɪˈbɪlːjɐ/.

Il-probema assoċjata mal-konsonanti doppji tista' tidher ukoll fil-kitba ta' ċerti nomi li xi drabi nużawhom weħidhom u drabi oħra ngħaqduhom ma' xi element lessikali ieħor (aktarx nom) biex jiffurmaw kelma komposta, pereżempju niktbu *dekk*, *dokk* u *nett* imma mbagħad x'se niktbu, *dekċer* jew *dekkċer*, *dokjard/t* jew *dokkjard/t*, *netbol* jew *nettbol*? Forsi din m'għandhiex tkun problema kbira billi fir-regoli tal-kitba bil-Malti diġà jeżisti kuntest simili. Bħala regola ġenerali fil-kliem kompost li mhux ta' nisel Ingliż, l-ewwel kelma titlef waħda miż-żewġ konsonanti mtennija fit-tarf tagħha meta tingħaqad ma' kelma oħra, eż:

*kull+ħadd* isiru *kulħadd,*
*kull+jum* isiru *kuljum;*
*kull+tant* isiru *kultant,*
*minn+għajr* isiru *mingħajr* u
*minn+għand* isiru *mingħand*.

### L-abbrevjazzjonijiet u l-akronimi

Fit-taħdit tal-Malti kontemporanju ta' spiss nużaw abbrevjazzjonijiet u akronimi li jkunu jirrappreżentaw kliem missellef mill-Ingliż. Il-problema assoċjata magħhom mhix sewwasew fil-kitba tagħhom imma fil-kitba ta' elementi oħra li jinkitbu quddiemhom jew warajhom, bħall-artiklu, il-prepożizzjonijiet mehmużin mal-artiklu, il-vokali tal-leħen, il-bidla ta' **j** u **w** f'**i** u **u** rispettivament, li tiddependi minn kif se ninterpretaw dawn l-abbrevjazzjonijiet u l-akronimi. Nistgħu nsemmu żewġ modi ewlenin kif nistgħu ninterpretawhom, jew skont il-kriterju viżiv jew inkella fonetiku. U jekk nagħżlu li nimxu fuq il-kriterju fonetiku jkollna nżommu f'moħħna li anke f'dan il-każ jeżistu diversi possibbiltajiet bħal, ngħidu aħna jekk l-akronimu jew l-abbrevjazzjoni nagħżlux li llissnuhom bħala:

**1.** kelma sħiħa, eż. il-WHO /hʊ:/, in-NATO /ˈnɛjtɔw/ jew /ˈnɐ:tɔ/,
**2.** frażi sħiħa, eż. il-World Health Organization (WHO), il-Malta Union of Teachers (MUT), il-Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN), jew
**3.** sekwenza ta' ittri, eż. id-WHO, l-MUT, l-MUMN, is-CMTU

Deċiżjoni dwar kif se nittrattaw dawn l-abbrevjazzjonijiet u l-akronimi tiffranka modi differenti ta' kitba li bħalissa ta' spiss niltaqgħu magħhom, kif juru dawn l-eżempji miktubin skont il-pronunzja tagħhom:

Daħal membru **fl-**MUT llum.

Daħal membru **fil-**MUT **i**llum.

**Is-**CMTU **j**rid ikollha rappreżentant.

**Il-**CMTU **i**rid ikollha rappreżentant.

**Id-**WHO **i**ppubblikat ir-rapport.

**Il-**WHO ppubblikat ir-rapport.

### L-ismijiet ta' persuni u postijiet

Dak li għedna għall-abbrevjazzjonijiet u l-akronimi japplika wkoll għan-nomi proprji, l-aktar l-ismijiet ta' persuni u postijiet. Hawn ukoll trid tittieħed deċiżjoni fuq jekk hux se nżommu mal-kriterju fonetiku u nkunu lingwistikament aktar preċiżi, jew inkella mal-kriterju viżiv u nkunu aktar prattiċi. F'dan il-każ, il-problema tolqot l-aktar lil tarf il-kelma.

Li kieku fil-kitba, tarf il-kelma jikkorrispondi dejjem mal-ħoss konsonantali jew vokaliku ta' isem il-post jew il-persuna, kien ikollna problema anqas xi nsolvu. Jiġifieri li kieku l-ismijiet kollha li jispiċċaw b'ħoss vokaliku niktbuhom dejjem b'vokali fit-tarf, eż. *Anna*, *Marie*, *Jessica*, *Angelo*, *Dundee*, *Swansea*, *Eddie*, *Andrea* u *Palermo*, u l-ismijiet kollha li jispiċċaw b'ħoss konsonantali niktbuhom dejjem b'konsonanti fit-tarf, eż. *Martin*, *Frank*, *Thomas*, *Doris*, *Ann*, *Margaret*, *Manchester*, *Munich* u *Bristol*, il-kriterju fonetiku kien ikun l-aktar kriterju ideali. Imma dan mhux il-każ. Insibu bosta ismijiet li jitlissnu b'ħoss vokaliku fit-tarf iżda jinkitbu b'konsonanti, u bil-maqlub, eż. *Bordeaux*, *Audrey*, *Melbourne* u *Chantelle*. Mela f'każijiet bħal dawn għandna nuqqas ta' korrispondenza bejn dak li nisimgħu u dak li naraw miktub. U jibdew il-problemi.

Jekk nagħżlu li nimxu mal-kriterju fonetiku, niffukaw fuq il-ħoss tal-kelma filwaqt li ninjoraw il-forma miktuba tagħha. F'dan il-każ niktbu, ngħidu aħna, *Smajt lil Irene issejjaħli*, *Żort Melbourne illum*, *Lil Charlotte iriduha tkompli tistudja* minħabba li *Irene*, *Melbourne* u *Charlotte* jispiċċaw b'ħoss konsonantali.

Jekk nimxu mal-kriterju viżiv, nikkunsidraw il-forma miktuba tal-kelma jiġifieri jekk tispiċċax b'vokali jew konsonanti, filwaqt li ninjoraw l-aspett fonetiku tagħha. F'dan il-każ niktbu, eżempju, *Smajt lil Irene ssejjaħli*, *Aħna żorna Melbourne lbieraħ*, *Lil Charlotte jriduha tkompli tistudja* minħabba li l-aħħar ittra fil-kitba ta' dawn l-ismijiet hija vokali.

Deċiżjonijiet bħal dawn, ibbażati fuq l-aspett fonetiku jew l-aspett viżiv tal-kelma mhumiex xi ħaġa ġdida fl-ortografija Maltija. Hekk, ngħidu aħna, meta niktbu sentenzi bħal *Nista' mmur għada* u *Nitla' t-taraġ* inkunu qed napplikaw il-kriterju fonetiku. Għalhekk ma niktbux il-vokali tal-leħen mal-verb *mmur* (fl-ewwel eżempju) u mal-artiklu (fit-tieni eżempju) minkejja li l-kelma ta' quddiemhom tispiċċa bl-appostrofu li qed jirrappreżenta l-konsonanti **għ**.

L-**għ** hija konsonanti storika li tilfet il-leħen proprju tagħha u għalhekk, f'dawn l-eżempji, il-kelma li ssegwiha nistgħu nippronunzjawha mingħajr vokali tal-leħen. Min-naħa l-oħra, meta niktbu sentenzi bħal *Nistgħ**u** mmorru għada* u *Nitilgħ**u** t-taraġ* inkunu qed napplikaw il-kriterju viżiv, jiġifieri minkejja li fuq livell ta' ħoss neħtieġu l-vokali tal-leħen biex illissnu l-kelma *mmorru* (fl-ewwel eżempju) u l-artiklu (fit-tieni eżempju) madankollu din il-vokali ma niktbuhiex minħabba li fil-kitba l-kelma ta' qabel tispiċċa bil-vokali.

Wieħed jista' jirraġuna li din ir-regola bbażata fuq il-kriterju viżiv mhijiex korretta iżda fil-verità, hija regola li ilha żmien twil stabbilita u mħaddma bħala regola uffiċjali tal-kitba bil-Malti. Irridu niftakru wkoll li fir-regoli tal-kitba bil-Malti nsibu bosta każi oħra fejn il-kriterju fonetiku ma jingħatax preċedenza fuq il-kriterji l-oħra.

Eżempji oħra li forsi jġegħluna nxaqilbu aktar lejn l-għażla tal-kriterju viżiv huma każijiet fejn niltaqgħu ma' ismijiet li jistgħu jkunu pronunzjati b'aktar minn mod wieħed bħal:

> *Le Blanc* (imlissen bit-tarf /ɐ/ jew /k/),
> *Irene* (imlissen bit-tarf /ɛ/ jew /n/),
> *Simon* (imlissen bit-tarf /ɔ̃/ jew /n/) u
> *Nicolas* (imlissen bit-tarf /ɐ/ jew /s/).

Każijiet aktar diffiċli huma meta niltaqgħu ma' ismijiet li lanqas biss inkunu nafu kif nippronunzjawhom, ngħidu aħna l-ismijiet *Didier*, *Deirdre*, *Aoife*, *Lescroart*, *Beaulieu*, *Featherstonehaugh*, *Bastuträsk*, *Dremeaux*, *Lympne*, *Dreiähren*, *Drohobycz* u *Działoszyce* u tant oħrajn.

Għaldaqstant, għalkemm fil-każ tal-kitba tal-ismijiet ta' persuni u postijiet il-kriterju fonetiku jista' jidher bħala l-aktar soluzzjoni ideali u preċiża – tikteb kif tisma' – fil-verità, rajna li nistgħu niltaqgħu ma' bosta kuntesti fejn m'hemmx korrispondenza diretta bejn dak li nisimgħu u dak li naraw miktub, bejn il-fonema u l-grafema li tirrappreżentaha. U ladarba din ir-relazzjoni diretta bejn ħoss u kitba ma teżistix fil-każi kollha, ikollna nqisu proposti oħra li minkejja li huma anqas preċiżi jistgħu jkunu aktar prattiċi għal min qed jikteb jew jikkoreġi.

Il-proċess ta' tiġdid u tibdil fil-lingwa huwa naturali, inevitabbli u kontinwu l-aktar fil-każ ta' lingwa li tiġi f'kuntatt ma' lingwa jew lingwi oħra. Il-kuntatt jista' jseħħ fuq livelli lingwistiċi differenti. X'aktarx li l-ewwel li jkun affettwat huwa t-taħdit iżda maż-żmien, l-aktar meta l-kliem jindara, jintuża u jintgħaġen mal-lessiku nattiv, tibda tinħass il-ħtieġa li jkun integrat ukoll fil-kitba.

Dan il-proċess għall-Malti mhuwiex xi proċess ġdid. Bosta kliem ta' nisel Sqalli u Taljan, li ġejna f'kuntatt miegħu, niktbuh skont regoli stabbiliti tal-ortografija Maltija. Kliem bħal dan sab ruħu fid-dizzjunarji tagħna u nużawh b'mod regolari meta niktbu bla ma noqogħdu nistaqsu l-għaliex niktbuh hekk u mhux mod ieħor. Tajjeb niftakru li waħda mill-kwalitajiet li jrid ikollha ortografija tajba hija li, filwaqt li tibża' għall-istabbiltà tagħha, għandha tkun aġġornata minn żmien għal żmien meta jkun meħtieġ. U din il-ħtieġa, fil-każ tal-ortografija ta' lsienna, qed terġa' tinħass, sewwasew għax il-Malti huwa lsien ħaj. Nittamaw li anke fil-każ tal-kliem Ingliż jitfasslu regoli ċari ta' kif għandna nirrappreżentaw dan il-kliem bil-kitba.

Żgur li d-DEĊIŻJONIJIET 2, bħal ta' qabilhom, mhumiex se jikkuntentaw f'kollox lil kulħadd. Iżda rridu nżommu f'moħħna li l-ortografija fiha nfisha hija sistema arbitrarja. L-importanti huwa li dawn id-deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq kriterji lingwistiċi sodi, ċari u prattiċi biex iħajru aktar nies jiktbu bil-Malti. U ladarba jittieħdu, nistennew li jsiru uffiċjali u jkunu segwiti minn kulħadd.

*Dr Farrugia huwa lettur tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta*

~ • ~

***Pajjiż imsieħeb* jew *pajjiż sieħeb*?**
**Il-parteċipju fil-Malti u kif jipparteċipa**
Mark Paul Vella

Il-parteċipju fil-Malti huwa fergħa verbali li għandha identità differenti skont il-każ, għax il-parteċipju jaf jilbes is-sura aġġettivali, nominali jew verbali. Apparti li jista' jiddenota dawn it-tliet kategoriji, għandu wkoll funzjoni temporali. Il-parteċipju attiv jesprimi qagħda fil-preżent u l-parteċipju passiv jesprimiha fil-passat.

Il-parteċipju attiv jista' jaqdi l-funzjoni ta' aġġettiv, nom jew verb fil-preżent. Xi eżempji ta' parteċipju attiv meta jintuża bħala aġġettiv huma *fietel*, *liebes* u *ħiemed*. Mill-banda l-oħra l-parteċipju jista' jkollu l-funzjoni ta' nom tal-aġent bħal dawn l-eżempji non-Semitiċi: *predikatur*, *negozjant* u *edukatur*, u dawn l-eżempji mis-Semitiku: *rebbieħ*, *wikkiel*, u *kaħħal*. Dan ir-reġistru lessikali jista' jkollu rwoli semantiċi u grammatikali differenti, pereżempju l-parteċipju attiv *wikkiel* jista' jintuża kemm bħala nom tal-aġent kif ukoll bħala aġġettiv, kif jidher fiż-żewġ sentenzi li ġejjin:

> Il-wikkiel għajnejh ikbar minn żaqqu.
>
> Il-bniedem wikkiel rari biex jintebaqlu l-istonku.

Il-parteċipju attiv għandu wkoll użu verbali, jagħti interpretazzjoni progressiva, attwali tal-azzjoni, pereżempju *ħiereġ*, *dieħel* u *tiela*'. Grammatikalment dan hu differenti mit-temp tal-imperfett. Din id-differenza tirrifletti ruħha semantikament. L-imperfett huwa abitwali, juri drawwa, eż. *jien noħroġ*. L-istess differenza tirrifletti ruħha wkoll morfoloġikament għax il-parteċipju attiv għandu biss tliet forom tal-għadd u l-ġens, li jikkorrispondu mal-ewwel persuna singular maskil, mal-ewwel persuna singular femminil, u mat-tielet persuna plural rispettivament, filwaqt li l-imperfett jikkonjuga ruħu mas-seba' pronomi b'forma unika f'kull każ:

| Il-Pronom Personali | Il-Parteċipju Attiv | L-Imperfett |
|---|---|---|
| Jiena | ħiereġ | noħroġ |
| Inti | ħiereġ | toħroġ |
| Huwa | ħiereġ | joħroġ |
| Hija | ħierġa | toħroġ |
| Aħna | ħerġin | noħorġu |
| Intom | ħerġin | toħorġu |
| Huma | ħerġin | joħorġu |

Anki l-parteċipju passiv jista' jkollu valur aġġettivali, nominali jew verbali. Mal-verbi ta' nisel Semitiku jinħadem biż-żieda tal-prefiss m-, eż. *maħnuq*, *maħmuġ* u *magħluq*. Mill-banda l-oħra, il-parteċipju passiv ta' verbi non-Semitiċi jirrikjedi s-suffiss -at, -ut, u -it bħal fl-eżempji *skomunikat*, *stordut* u *pprojbit*. B'mod ġenerali, f'dan is-sens aġġettivali (l-aktar komuni), il-parteċipju passiv jiddeskrivi stat li seħħ fil-passat li fil-mument tat-taħdit, dan l-istat għadu kostanti u fiss.

Tajjeb inżommu f'moħħna li l-parteċipju passiv kif ukoll il-parteċipju attiv, meta jintużaw bħala aġġettiv, hija prattika komuni li jinħadmu fil-femminil singular ma' nom li jkun fil-plural u iżda dan ma jgħoddx għan-nomi kollha, ngħidu

aħna *oġġetti misruqa* (pp), *toroq wieqfa* (pa). Sintendi, dejjem jistgħu jintużaw il-partiċipji fil-plural għal ma' dawn in-nomi fil-plural, eż. *oġġetti misruqin* u *toroq weqfin*.

Issa niġu għad-differenza semantika bejn $^{i}$*msieħeb* ($^{i}$*msieħba*/$^{i}$*mseħbin*) u *sieħeb* (*sieħba*/ *sħab*) f'eżempju konkret fit-traduzzjoni. Nibdew billi fil-lingwa sors naraw il-frażi komuni *partner country* li tinbet kemm-il darba f'testi leġiżlattivi. Fit-traduzzjoni għall-Malti, il-valur semantiku tal-partiċipju passiv $^{i}$*msieħeb* u tal-partiċipju attiv *sieħeb* (għax oriġinarjament hu partiċipju) huwa differenti, għaldaqstant bejn *pajjiż imsieħeb* u *pajjiż sieħeb* m'hemmx korrispondenza. Fil-frażi *pajjiż imsieħeb* il-partiċipju passiv qed jagħti lill-frażi konnotazzjoni passiva, ta' pazjent.

Għalkemm f'*pajjiż imsieħeb* ma jissemma l-ebda aġent, qed jiġi implikat li hemm entità (f'dan il-każ l-UE) li qed taġixxi bħala aġent, u li sieħbet (magħha) lill-pajjiż (li ried jissieħeb). Hawnhekk joħroġ diżlivell bejn l-istatus tal-pajjiż u dak tal-UE (il-pajjiżi l-oħra diġà sħab) u dan huwa raġonevoli sakemm isseħħ is-sħubija, għax din fl-aħħar mill-aħħar hija prerogattiva tal-UE. Madankollu, minħabba l-użu tal-partiċipju passiv, semantikament, il-pajjiż li jissieħeb jibqa' attribwit miegħu l-istatus inferjuri, ta' inugwaljanza.

Il-partiċipju passiv jibni relazzjoni ġerarkika ta' entità superjuri vis-à-vis pajjiż inferjuri. Fil-leġiżlazzjoni tal-UE dan mhux il-każ, it-28 pajjiż parteċipanti huma fuq livell pari ta' status iżda meta jintuża l-partiċipju attiv *sieħeb* (*pajjiż sieħeb*), din l-inugwaljanza ma tinħoloqx. Il-partiċipju attiv *sieħeb* joħloq dinamiżmu li jeskludi l-istatiċità (imgħoddija) li joffri l-partiċipju passiv $^{i}$*msieħeb*. Mil-lat semantiku, il-frażi *pajjiż sieħeb* tagħti status ta' ugwaljanza, hemm intrinsikament il-kunċett ta' sħubija pari, li mhux bilfors tagħtiha l-frażi *pajjiż imsieħeb*. Dan ġej ukoll minħabba d-differenza morfoloġika f'dan il-kuntest għax il-partiċipju attiv għandu sens nominali u l-partiċipju passiv għandu sens aġġettivali.

Fit-traduzzjoni tal-frażi *partner country*, *sieħeb* u $^{i}$*msieħeb* huma żewġ partiċipji li qed iwasslu informazzjoni differenti. *Pajjiż imsieħeb* mhix korrispondenti għal *partner country*. Minkejja li hi grammatikalment korretta, semantikament mhix, filwaqt li *pajjiż sieħeb* hi koretta kemm grammatikalment kif ukoll semantikament.

*Mark Paul Vella huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*



Disinn: Jennifer De Barro

# KELMA B'KELMA

*It-terminoloġija*

**Ħieles, liberu u indipendenti**
Leanne Ellul

Ħafna drabi s-sinonimi huma aċċettati bħala kliem bl-istess tifsira; iżda dan il-kliem ifisser preċiżament l-istess? Ħarsa lejn it-tagħrif f'dizzjunarji u l-korpus Malti (MLRS) turina li hemm differenzi li joħorġu permezz tal-kollokazzjonijiet u l-kuntesti li fihom jintuża dan il-kliem.

Is-sinonimi huma kliem li jixxiebah fit-tifsira. Raġuni li tagħti lok għall-ħolqien ta' sinomimi hi li l-lingwi jitħalltu flimkien u għall-istess kunċett naddottaw kliem minn lingwi differenti; hekk insibu *ħieles* mill-Għarbi u *liberu* mit-Taljan. Min-naħa l-oħra, il-kelmiet *liberu* u *indipendenti* juruna li din mhix l-unika raġuni għax it-tnejn ġejjin mill-istess lingwa.

F'ID-DIZZJUNARJU MALTI U TEŻAWRU TA' MALTI MĦADDEM ta' Mario Serracino-Inglott, fost oħrajn jagħti dawn is-sinonimi:

1. *ħieles* u *liberu* għal **indipendenti**
2. *liberu* u *indipendenti* għal **ħieles**
3. *ħieles* għal **liberu**

Dan jiġri wkoll f'każi oħra, ngħidu aħna *każwali* u *komdu* huma mogħtija bħala sinonimi ta' *informali*; filwaqt li *informali* hi mogħtija bħala sinonimu ta' *każwali* u la *informali* u lanqas *każwali* m'huma mogħtija bħala sinonimi ta' *komdu.*

Għalkemm ħarsa lejn it-teżawru diġà tagħtina ħjiel li s-sinonimi mhux bilfors ikollhom tifsira għalkollox l-istess, id-differenzi u t-tixbih fit-tifsir joħorġu l-aħjar minn ħarsa lejn il-kliem f'kuntest għaliex l-ebda kelma mhi sospiża waħedha, u t-tifsira tagħha toħroġ l-aħjar meta narawha fil-kumpanija ta' kliem ieħor.

L-użu ta' kliem fis-sentenzi li jippreżenta Aquilina fid-DIZZJUNARJU MALTI-INGLIŻ jgħin biex inqabbluhom. Jekk fis-sentenza li jagħti Aquilina *It-tabib qalli li issa ħieles u nista' niekol li rrid* inbiddlu l-kelma *ħieles* bil-kelma *indipendenti*, din ma tagħmilx wisq sens: *It-tabib qalli li issa indipendenti u nista' niekol li rrid*. Iżda jekk nieħdu s-sentenza, *M'iniex ħieles bħalissa, erġa' ejja* u nbiddlu l-kelma *ħieles* b'*liberu*, din tibqa' tagħmel sens.

Dan ma jfissirx li *ħieles* u *liberu* dejjem jistgħu jintużaw flok xulxin. Li kieku sinonimu jkun identiku għal ieħor għalkollox, jiġifieri sinonimu assolut, ikun jista' jintuża minfloku dejjem u bla tfixkil. Dan hu possibbli fil-każ ta' kliem bħal *xefaq* fis-sentenza *Fuq ix-xefaq kien hemm ħafna vapuri* u *orizzont* fis-sentenza *Fuq l-orizzont kien hemm ħafna vapuri*.

Biex nosserva aħjar kif iġibu ruħhom dawn is-sinonimi tajt ħarsa lejhom fil-korpus Malti, magħruf bħala MLRS li jista' jinstab f'http://mlrs.research.um.edu.mt – għodda essenzjali fejn jidħol dan it-tip ta' analiżi. Minħabba li *ħieles* u *liberu* jinflettu ruħhom għall-għadd u għall-ġens, fittixt ukoll il-kelmiet *ħielsa* u *ħelsin*, kif ukoll *libera* u *liberi*. B'hekk qbadt kemm jista' jkun kuntesti li fihom jintuża dan il-kliem. Dan it-tip ta' tiftixa m'applikax għal *indipendenti* għax hu aġġettiv invarjabbli.

Sabiex inqabbel, qassamthom skont kategoriji differenti kif jidher f'din it-tabella. Minn dat-tqabbil joħroġ li *indipendenti* hi l-iktar kelma frekwenti fil-korpus, segwita minn *ħieles* u *liberu*.

| Rank | Lemma | Types | Tokens | Amount of tokens by lemma | Percentage for each word | Percentage per lemma |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Incipendenti | *indipendenti* | 6421 | 6421 | 43.87% | 43.87% |
| 2 | ħieles | *ħieles* | 4160 | 5735 | 28.43% | 39.20% |
| | | *ħielsa* | 1560 | | 10.66% | |
| | | *ħelsin* | 15 | | 0.10% | |
| 3 | liberu | *liberu* | 1590 | 2475 | 10.87% | 16.92% |
| | | *libera* | 515 | | 3.52% | |
| | | *liberi* | 370 | | 2.53% | |
| | | | | 14,631 | 100% | 100% |







B'ħarsa lejn il-kategoriji, rajt f'liema kuntesti dawn is-sinonimi jintużaw l-iktar. *Indipendenti* tintuża l-aktar f'testi parlamentari, u mbagħad fuq l-internet u fl-istampa, filwaqt li tintuża l-inqas fil-kuntest akkademiku. *Ħieles* tintuża l-aktar fuq l-internet, wara f'testi parlamentari u fl-istampa u għal darb'oħra tintuża l-inqas fil-kuntest akkademiku. *Liberu* tintuża l-aktar fil-kuntest tal-parlament, imbagħad fl-istampa u wara fuq l-internet. Fil-kuntest akkademiku, *liberu* hi l-inqas li tintuża wkoll. Interessanti li *liberu* nsibuha użata kważi ugwalment fil-kuntest parlamentari u fl-istampa.




Għalkemm il-frekwenza ta' sinonimu f'kuntest partikolari tvarja, l-aktar tliet kuntesti popolari huma l-parlament, l-istampa u l-internet. *Indipendenti* u *liberu* huma l-aktar popolari f'testi parlamentari, filwaqt li l-kuntest li fih jintużaw l-inqas it-tliet sinonimi hu dak akkademiku. Ta' min jinnota li l-liġi hija kuntest popolari wkoll. Dawn it-tabelli juru aħjar il-firxa ta' kuntesti li nsibuhom fihom.

Billi it-tliet sinonimi huma popolari kważi fl-istess tliet kuntesti, jaf tkun iktar diffiċli biex insibu differenzi. Min-naħa l-oħra, billi mhux kollha popolari bl-istess frekwenza fl-istess kuntesti, jaf joħorġu xi differenzi.




Evert (2005) jisħaq li l-kollokazzjonijiet huma essenzjali minħabba r-relevanza kuntrastiva tagħhom, u għalhekk b'ħarsa lejhom id-differenzi bejn is-sinonimi joħorġu iktar.

L-iktar tliet kollokazzjonijiet popolari mal-kelma *indipendenti* huma *media*[1], *personali* u *mod*. Mill-ewwel ħamsin kollokazzjoni ninnotaw li *indipendenti* tikkolloka l-aktar ma' kliem marbut mal-politika u anke ma' kliem bażiku jew li nużawh spiss bħal *skola* u *ħajja*. Il-kollokazzjonijiet meħuda mill-bloggs ukoll kellhom x'jaqsmu mal-politika.

Dan ifisser li l-qrubija ta' din il-kelma ma' kuntesti politiċi tissaħħaħ. Minbarra l-politika, Aquilina juża dan l-aġġettiv f'eżempji marbuta ma' post jew pajjiż, jew ħsieb individwali. L-istudju tal-korpus jikkonferma l-eżempji minn Aquilina filwaqt li joffri possibiltajiet oħrajn.

Il-kelma *ħieles* insibuha l-aktar f'kuntesti ekonomiċi u kuntesti politiċi. Fil-fatt, l-aktar tliet kollokazzjonijiet popolari huma *suq*, *kummerċ* u *moviment*, għalhekk huwa diffiċli iktar li niddistingwu bejn *indipendenti* u *ħieles* abbażi tal-kuntest politiku.[2] Id-definizzjoni ta' Aquilina tiffoka l-aktar fuq ħelsien minn rabtiet fiżiċi jew morali. Għaldaqstant il-korpus jiftaħ tieqa ġdida fuq l-użu ta' *ħieles* f'kuntesti ekonomiċi u politiċi biex b'hekk titwessa' t-tifsira li ta Aquilina.

Fil-korpus, *liberu* tintrabat l-aktar ma' stat ta' persuna jew attitudnijiet u azzjonijiet individwali għalkemm tintuża l-aktar fil-kuntest tal-parlament u tal-istampa. L-iktar tliet kollokazzjonijiet popolari ma' din il-kelma huma *ħin*, *moviment* u *aċċess*.

Aquilina jikteb li *liberu* tfisser li tkun liberu fil-moviment u l-azzjoni u għalhekk, il-korpus qed isaħħaħ dak li kiteb Aquilina.

Ninnotaw li l-kelma *mod* hi popolari ħafna kemm ma' *indipendenti* kif ukoll ma' *liberu* u inqas popolari ma' *ħieles*, iżda dan ma jissuġġerix wisq għax il-kelma *mod* mhix marbuta ma' xi reġistru partikolari u għalhekk tista' tintuża f'kuntesti differenti.

Kollokazzjonijiet oħra popolari ma' iktar minn sinonimu wieħed huma *ħajja*, *moviment* u *ħin*, fejn *moviment* tikseb tifsiriet differenti skont kuntesti differenti (ngħidu aħna, *il-moviment ħieles favur il-kaċċa* ma tfissirx l-istess bħal *agħmel moviment b'idejk*).

Hemm kliem ieħor li jikkolloka ma' kelma u mhux oħra, fosthom *media* li abbażi tal-ewwel ħamsin kollokazzjoni hi l-aktar kollokazzjoni popolari mas-sinonimu *indipendenti*.

It-tabella fil-paġna li jmiss qed turi l-ewwel għaxar kollokazzjonijiet għal kull sinonimu. Il-kliem aħmar jindika li dik il-kelma tintuża ma' tal-inqas żewġ sinonimi.

Tajjeb ninnotaw kollokazzjonijiet bħal *vers* u *ħieles*. F'dal-każ ma nistgħux inbiddlu *vers* jew *ħieles* bi kliem ieħor bħal aħna *vers indipendenti* għax inkella tinbidel it-tifsira tal-espressjoni.

Frażijiet bħal dawn jissejħu espressjonijiet iffriżati fejn "there is just one way of saying

[1] Il-kelma *media* qed niktibha kif tidher fil-korpus.
[2] Tajjeb insemmu żewġ festi nazzjonali: Jum l-Indipendenza u Jum il-Ħelsien. L-użu frekwenti tagħhom fil-politika jista' jkun minħabba f'hekk.

| | indipendenti | ħieles | liberu |
|---|---|---|---|
| 1 | media | suq | ħin |
| 2 | ‘ | kummerċ | moviment |
| 3 | personali | moviment | aċċess |
| 4 | mod | ħin | mod |
| 5 | kandidati | ċaqliq | ħin |
| 6 | status | spirtu | ċirkolazzjoni |
| 7 | statutorji | spazji | huwa |
| 8 | skejjel | industrijali | suq |
| 9 | ħajja | swieq | mano |
| 10 | totalment | vers | jkun |

things and any deviation will completely change the meaning of what is said” (Manning and Schütze 175). Dan japplika wkoll għal espressjonijiet bħal *ħin liberu*, fejn xi wħud jużaw il-frażi *ħin ħieles* iżda *ħin indipendenti* ma tfissirx l-istess.

B’dan it-tagħrif f’idejna nistgħu nikkonkludu li minkejja li s-sinonimi ma jfissrux l-istess, xorta waħda għandhom il-potenzjal li jissejħu sinonimi għax fil-fatt, “complete synonymy of lexemes is relatively rare in natural languages and […] absolute synonymy […] is almost non-existent” (Lyons p. 148). Nikkonkludu wkoll li m’hemmx kriterju wieħed li fuqu niġġudikaw it-tifsir ta’ kelma, u li għodod moderni bħall-MLRS jgħinu qatigħ f’dan id-differenzjar. Ħarsa ħafifa lejn dawn is-sinonimi tgħinna nifhmu li indipendenti marbuta l-aktar ma’ xi ħaġa inanimata; ħielsa ma’ xi ħaġa animata filwaqt li *liberu* tista’ tinftiehem fuq livell aktar astratt.

Dan ma jfissirx li f’xi każijiet ma jintużawx flok xulxin, u għalhekk it-tifsiriet ta’ bejniethom, għad illi huma differenti, huma qrib ħafna wkoll.

*Leanne Ellul hija l-Uffiċjal ghar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Ghaqda tal-Malti - Università, u ghalliema tal-Malti fl-iskola Santa Dorotea, Ħaż-Żebbuġ. Bhalissa qieghda tirriċerka l-qasam tan-nomi verbali fil-livell ta' Masters*

## Biblijografija


Agius, A.W. IT-TEŻAWRU. Malta: BDL Ltd., 2000.

Aquilina, Joseph. “Maltese as a Mixed Language”. JOURNAL OF SEMITIC STUDIES 3.1 (Jannar 1958).

Aquilina, Joseph. MALTESE-ENGLISH DICTIONARY A-L. Malta: Midsea Books Ltd, 1987.

Aquilina, Joseph. MALTESE ENGLISH DICTIONARY M-Z. Malta: Midsea Books Ltd, 1987.

Atkins, B.T.S. and Levin, B. “Building on a corpus: a linguistic and lexicographical look at some near-synonyms”, INTERNATIONAL JOURNAL OF LEXICOGRAPHY. Oxford: Oxford University Press, 1995.

Crystal, David. A DICTIONARY OF LINGUISTICS AND PHONETICS. Londra: Blackwell Publishing Ltd., 2003.

Cruse, A. MEANING IN LANGUAGE. Oxford: Oxford University Press, 2004.

Evert, S. THE STATISTICS OF WORD COOCCURRENCES: WORD PAIRS AND COLLOCATIONS. Teżi tal-PhD, IMS, University of Stuttgart, 2005.

Firth, J. R. “A synopsis of linguistic theory, 1930-55”. STUDIES IN LINGUISTIC ANALYSIS. Oxford: The Philological Society, 1957.

Hofmann, F. SYNONYMS: A SEMANTIC STUDY OF APPOINTMENT & ENGAGEMENT. Ktiba għal seminar. Il-Ġermanja: Universität Leipzig, April 2009.

Lyons, John. LANGUAGE AND LINGUISTICS. Cambridge: Cambridge University Press, 1981.

Manning, Christopher D., & Hinrich Schütze. “Foundations of statistical natural language processing.” Cambridge, MA: MIT Press, 1999.

McEnery, T. & Wilson, A. CORPUS LINGUISTICS (it-tieni edizzjoni). Edinburgh: Edinburgh University Press, 2001.

Serracino-Inglott, Mario. ID-DIZZJUNARJU MALTI U TEŻAWRU TA’ MALTI MĦADDEM. Malta: Merlin Library, 2003.

Smajda, F.A., “Retrieving Collocations from Text: Xtract”, COMPUTATIONAL LINGUISTICS, Vol. 19, Nru 1. L-Istati Uniti: Columbia University, Marzu 1993.


### *Stedina għal kontributi*

Dan il-ġurnal qabad ritmu ġmielu u kif tistgħu taraw, din l-edizzjoni hi waħda mill-aktar imlaħħmin. Sabiex dan ir-ritmu nsostnuh, inħeġġukom biex tibqgħu tibagħtu kontributi fuq l-aspetti kollha li huma ta’ interess u/jew li jqajmu diskussjoni.

Grazzi lil kulħadd.

**Il-prinċipju ta' legalità jew *nullum crimen, nulla poena sine lege***
Alan Xuereb u David Borg

L-idea għal dan l-artikolett nibtet wara laqgħa tat-terminoloġija (li ssir sikwit fid-diviżjoni tagħna tal-Qorti tal-Ġustizzja) fir-dwar it-traduzzjoni tal-espressjoni "*Violation du principe de légalité des peines*". F'din il-laqgħa qam dibattitu għar-rigward u ntgħażlet l-espressjoni "Ksur tal-prinċipju ta' *nulla poena sine lege*". Wieħed mill-awturi ta' dan l-artiklu ma jaqbilx ma' din l-għażla u jissuġġerixxi li l-espressjoni *principe de légalité* bil-Franċiż għandha tiġi tradotta bl-espressjoni *prinċipju ta' legalità*. Kien hemm suġġerimenti oħrajn minn xi kollegi li staqsew jekk tistax b'mod ekwivalenti tintuża l-espressjoni *l-istat tad-dritt*.

Fi spirtu ta' djalettika Hegeljana[1] dehrilna li minflok niktbu żewġ artikli separati u diverġenti dwar l-istess punt, għandna nippruvaw nuru ż-żewġ opinjonijiet ikkristallizzati f'artiklu qasir li jissintetizza l-pożizzjonijiet kontrapposti.

**Il-kunċett ġenerali**

Jidher li l-Franċiżi jattribwixxu l-espressjoni "*Nullum crimen, nulla poena sine lege*" għall-awtur Taljan Beccaria, filwaqt li l-Ingliżi jsostnu li kien l-awtur Ingliż Hobbes l-ewwel li ħareġ b'dan il-kunċett, għalkemm jikkonċedu li Beccaria tah l-importanza li akkumpanjat il-kunċett sal-ġurnata tal-lum.

Jekk nagħtu ħarsa, anki mhux profonda, lejn id-definizzjonijiet li jinsabu għad-dispożizzjoni ta' kulħadd f'diversi siti tal-internet, mill-ewwel nintebħu li l-"*principe de légalité des peines*" huwa fir-realtà xejn iktar (u xejn inqas) mill-prinċipju li fid-dritt penali Malti jissejjaħ il-prinċipju ta' *nulla poena sine lege.*

[1] G.E. Mueller, "The Hegel Legend of Thesis-Antithesis -Synthesis", JOURNAL OF THE HISTORY OF IDEAS 19:3 (1958), 411-14.

Kemm meta wieħed jikkunsidra d-definizzjoni segwenti:

"Le principe de la légalité des délits et des peines est la garantie fondamentale des droits de la personne devant les juridictions répressives. Il s'énonce par l'adage *nullum crimen*, *nulla poena sine lege*: il n'y a pas de crime, il n'y a pas de peine sans une loi qui les prévoie," [2]

kif ukoll meta wieħed jikkunsidra għejun inqas tekniċi, bħal ngħidu aħna l-Wikipedia bil-Franċiż, li tagħtina d-definizzjoni li ġejja:

"En droit pénal, le principe de légalité des délits et des peines dispose qu'on ne peut être condamné pénalement qu'en vertu d'un texte pénal précis et clair (en latin, *Nullum crimen, nulla poena sine lege*)", jidher ċar li l-kunċetti ta' *principe de la légalité* u ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* huma identiċi. Qed jiġi enfażizzat dan il-punt peress li, kif diġà ntqal, kien hemm suġġeriment li l-*principe de la légalité* fir-realtà tfisser l-*istat tad-dritt* (*rule of law*), iżda jidher li mhumiex ekwivalenti.

Il-kunċett tal-*istat tad-dritt* jinkludi, fil-fatt, il-kunċett ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*. Wieħed mill-awturi l-iktar magħrufa fuq dan is-suġġett, A. V. Dicey, kien kiteb hekk dwar l-istat tad-dritt:

"It means, in the first place, the absolute supremacy or predominance of regular law as opposed to the influence of arbitrary power, and excludes the existence of arbitrariness, of prerogative, or even of wide discretionary authority on the part of the government. Englishmen are ruled by the law, and by the law alone; a man may with us be punished for a breach of law, but he can be punished for nothing else."[3]

[2] http://www.universalis.fr/encyclopedie/legalite-des-delits-et-des-peines
[3] Law of the Constitution, 1885.



Peress li dan hu aspett wieħed tal-kunċett tal-istat tad-dritt, hawn ma tistax issir traduzzjoni tal-*principe de légalité* bħal dak tal-*istat tad-dritt.*

**L-aspett legali u tat-traduzzjoni**

Madankollu, jidher li kien hemm xi sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li ġew tradotti fis-sens li żammew l-espressjoni litterali mill-Franċiż intatta u b'hekk ġiet tradotta bħala *"prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni"*.[4] Filwaqt li ma teżisti l-ebda oġġezzjoni kunċettwali għal din l-espressjoni ħlief li forsi mhijiex konsistenti mal-korpus tad-deċiżjonijiet, wieħed jista' jilmenta li jekk nibdew noħolqu espressjonijiet differenti minn dawk li komunement u tradizzjonalment huma mifhumin mill-qrati u l-avukatura ta' pajjiżna, nistgħu noħolqu nuqqas ta' kjarezza minflok (kif inhu rikjest minna) inżidu l-kjarezza.

Għaldaqstant, meta niċċaraw kunċetti bħal dawn li qed niddiskutu, inkunu qed nosservaw il-prinċipju ta' ċertezza legali u nżidu l-konsistenza terminoloġika u legali, u b'hekk innaqqsu d-diskrepanzi li jistgħu jinħolqu bejn il-lingwaġġ legali kif użat fit-testi tal-Unjoni Ewropea u dak li jintuża f'pajjiżna.

Fil-kunċett ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* ma hemm l-ebda element ta' dritt tal-Unjoni, bħala tali, li jista' jiġġustifika l-użu ta' kliem differenti minn dak użat f'pajjiżna mill-ġuristi. Huwa abbażi ta' dan l-argument li hemm tendenza li tingħata preferenza lill-espressjoni Latina. Meta wieħed jara li mill-*Mamo Notes*[5] sal-qrati Maltin[6] jużaw din l-espressjoni (jiġifieri: *nulla poena sine lege, nullum crimen sine lege*) biex jesprimu l-kunċett ta' *"principe de légalité des peines"*, ma tantx jibqgħu dubji li l-aħjar li tintuża hija l-espressjoni Latina.

L-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, li jixbah fil-ħsieb tiegħu l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, jipprovdi hekk:

*"(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena aktar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar."*

*Dan l-artikolu, li jirrifletti l-prinċipju* nulla poena sine lege*..."*[7]

B'mod simili, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ "Kokkinakis vs Greece" (il-25 ta' Mejju 1993), ġie rritenut li:

[4] Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2013, Total vs il-Kummissjoni (T-548/08).

[5] Prof. Anthony Mamo, Criminal Law Notes.
[6] Il-Qorti Kostituzzjonali (Onor. Imħallef, Aġent President A.J. Magri, Onor. Imħallef G. Valenzia, Onor. Imħallef G. Caruana Demajo), seduta tat-13 ta' April 2011, Appell Ċivili Numru 1/2010/1 Dr José A. Herrera bhala mandatarju ta' AWEYS MAANI KHAYRE vs l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija.
[7] Idem. p. 8-9.

> "[...] Article 7 paragraph 1 (art. 7-1) of the Convention is not confined to prohibiting the retrospective application of the criminal law to an accused's disadvantage. It also embodies, more generally, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (*nullum crimen, nulla poena sine lege*)."

F'eżempju ieħor, ġie rritenut fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs George Faenza *et*" deċiż fis-7 ta' Jannar 2005:

> "[...] il-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali tagħna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali dwar it-tibdil fil-piena għal reat partikolari, iżda wkoll il-prinċipju *nullum crimen, nulla poena sine lege* li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-nonretroattività tad-dritt penali sostantiv."

Barra minn hekk, hekk kif jidher b'mod ċar minn dokument reċenti ħafna, xi kultant anki l-ġuristi lingwisti Franċiżi stess iħallu l-kunċett ta' *nulla poena sine lege* fil-verżjoni Latina tiegħu. F'dan is-sens, ara essenzjalment ir-rikors ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2013 – Arrow Group u Arrow Generics vs il-Kummissjoni. Fil-motiv numru 4 insibu:

> "4. Quatrième moyen tiré de ce que, en infligeant une amende à Arrow, la Commission a enfreint les principes de proportionnalité, *nullum crimen nulla poena sine lege*, et de sécurité juridique."

Il-verżjoni bl-Ingliż tal-istess test tgħid:

> "4. Fourth plea in law, alleging that the Commission has infringed the principles of proportionality, *nullum crimen nulla poena sine lege*, and legal certainty in imposing a fine on Arrow."

Argument favur l-użu ta' *prinċipju ta' legalità* jinsilet mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 49 għandu l-intestatura *Il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni*. Dal-artikolu jispjega l-*prinċipju ta' legalità* kif ġej:

> "1. L-ebda persuna m'għandha tiġi kkundannata għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli.
> 2. Dal-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċess u l-piena ta' persuna ħatja ta' att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, kien jew kienet reat skond il-prinċipji ġenerali rikonoxxuti mill-komunità tan-nazzjonijiet."

Interessanti li dan huwa dokument importanti tant li din il-Karta, ipproklamata fl-2007, għandha l-istess valur legali tat-Trattati (skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) tat-TUE. Il-verżjoni Ingliża tal-intestatura tal-Artikolu 49 jgħid, "principles of legality".

Ma hemmx dubju li l-kunċett ta' *principle of legality* jeżisti fil-lingwaġġ ġuridiku Ingliż. Insibu fi BLACK'S LAW DICTIONARY li t-tieni tifsira ta' *legality* hija "the principle that a person may not be prosecuted under a criminal law that has not been previously published. Also termed (in sense 2) principle of legality."[8]

Fid-dritt kriminali internazzjonali naraw li wieħed mill-prinċipji ġenerali huwa dak ta' *the principle of legality of crimes* u *the principle of legality of penalties*.[9]

[8] BLACK'S LAW DICTIONARY, Bryan A Garner (editur), id-disa' edizzjoni.
[9] INTERNATIONAL CRIMINAL LAW, Antonio Cassese, OUP, it-tieni edizzjoni, 2008, p. 36, 51.

Għalhekk hu ċar li fid-dritt kontinentali u f'dak Anglosassonu tintuża espressjoni li hija simili għal dik ta' *prinċipju ta' legalità*. Barra minn hekk, fid-dritt Ewropew din l-espressjoni daħlet fil-liġi primarja u fil-ġurisprudenza bil-lingwa Maltija, għalkemm ma tintużax fid-dritt nazzjonali Malti.

**L-aħħar argument dwar l-istat tad-dritt u l-filosofija tad-dritt**

Nistgħu niktbu volumi twal fuq x'inhuma jew x'għandhom ikunu r-rekwiżiti jew id-*desiderata* tal-istat tad-dritt. Kull avukat, almenu fl-aħħar ħmistax-il sena, żgur iltaqa' max-xogħlijiet tal-Prof. John Finnis. Finnis[10] isemmi tmien *desiderata* tal-istat tad-dritt, kif jagħmlu wkoll, wara kollox, Fuller[11] u Raz[12].

Fost id-*desiderata* hemm wieħed rilevanti partikolarment għall-kwistjoni prinċipali f'dan l-artiklu. Dan id-*desideratum* jistabbilixxi li r-regoli tad-dritt għandhom ikunu prospettivi u mhux retroattivi[13] u għalhekk nerġgħu mmorru lura għan-nonretroattività tar-regoli tad-dritt, li ddiskutejna iktar 'il fuq. Iżda, kif wieħed jista' jara anki fuq livell filosofiku-ġuridiku, l-idea li għandu jkun hemm regola sabiex ikun hemm reat (*crimen*) u sabiex konsegwentement ikun hemm piena (*poena*), tiddependi mill-fattur temporali, jiġifieri miż-żmien.

Għaldaqstant, kronoloġikament (vide T.1) ir-regola trid tkun teżisti fil-mument meta jkun sar ir-reat (*nullum crimen*). Loġikament, jekk f'dak il-mument ma teżisti l-ebda regola tad-dritt (*sine lege*) ma tistax tingħata piena għax ir-reat ma kienx jeżisti meta twettqet l-azzjoni. U għalhekk, ħadd mhu punibbli għal reat li ma jeżistix (*nullum crimen*, *nulla poena sine lege*).

**Nota konklużiva**

Fl-aħħar nett, ma hemmx min għandu raġun u min hu żbaljat f'din il-kwistjoni. Il-kunċett ta' *prinċipju ta' legalità* li issa daħal fil-lingwaġġ Malti permezz tad-dritt tal-Unjoni Ewropea ma jidhirx li huwa żbaljat, u jista' jkun validu bħala espressjoni bil-Malti tal-kunċett Latin. F'dan il-każ, jista' jiġi argumentat li ladarba hija diġà espressjoni Maltija, għandha nużaw lilha minflok nużaw kunċett espress b'lingwa barranija. Ħafna drabi huwa fejn tiddeċiedi li tpoġġi l-enfasi li jivvalida espressjoni. Il-validità tan-*nullum crimen*, *nulla poena sine lege* ġejja fuq kollox, iżda mhux unikament, mill-fatt li l-użu tagħha huwa nieqes mill-ambigwità, u li tintuża internazzjonalment kif ukoll f'Malta biex tfisser eżattament dak li rridu ngħidu bl-espressjoni iktar volubbli u ambigwa ta' *prinċipju ta' legalità*. Huwa għal din ir-raġuni, fost affarijiet oħrajn, li ttieħdet deċiżjoni favur l-użu tal-frażi *nullum crimen*, *nulla poena sine lege* fid-diviżjoni tagħna fil-Qorti tal-Ġustizzja.



Direzzjoni taż-żmien (T.1)

[10] NATURAL LAW AND NATURAL RIGHTS (Clarendon Law Series), OUP Oxford; it-tieni edizzjoni (is-7 ta' April 2011)
[11] THE MORALITY OF LAW, Lon L. Fuller. (New Haven and London: Yale University Press), 1964, viii & 202 pp. 37s. 6d. net.
[12] THE RULE OF LAW AND ITS VIRTUE, Joseph Raz (OSCOLA citation [1997] 93 LQR 195).
[13] Finnis, *ibidem*, p. 270.

*Alan Xuereb u David Borg huma ġuristi lingwisti fid-diviżjoni Maltija tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*

**Kliem mitluf:**
**Il-*Kalendarju tal-Bidwi* tal-1849**
Ġużi Gatt

Forsi minħabba l-fatt li jien twelidt fl-1955, jiġifieri ħafna u ħafna snin ilu; jew forsi għax trabbejt ġewwa raħal, qalb nies li ma kienu jitkellmu bl-ebda lingwa oħra ħlief bil-Malti, u għalkemm limitati fl-orizzonti kulturali tagħhom, kienu artikolati mhux ħażin fejn jidħlu l-oqsma li kienu jinteressawhom; jew forsi għax jien sensittiv wisq – imma hi x'inhi r-raġuni, jien m'għandi l-ebda dubju li l-Maltin li kont naf jien dari kellhom ħakma fuq l-ilsien Malti ferm iktar minn dik li għandhom il-Maltin tal-lum. Il-Malti fi żmienna qed jitlef ħafna kliem li qatt ma messu tħalla jintilef. Din l-emorraġija tidher li ilha sejra s-snin.

Xi żmien ilu ġiet f'idejja pubblikazzjoni maħruġa mis-Società Economico-Agraria del Gruppo di Malta fl-1849, bl-isem CALENDARIO DELL'AGRICOLTORE PER L'ANNO 1849. X'aktarx li ma kenitx l-ewwel darba li s-Società Economico-Agraria ħarġet dan il-kalendarju, imma fl-1849 u fis-sena ta' wara, għall-ewwel darba l-Kalendarju ħareġ b'żewġ lingwi: bit-Taljan u bil-Malti.

L-isem bil-Malti kien: CALENDARIU TAL BIDWI ∩AL SENA 1849 PUBBLICAT MIS-SOCIETÀ ECONOMICO-AGRARIA TAL GHIZER [sic] TA MALTA. L-alfabett użat isegwi, bejn wieħed u ieħor, ir-regoli tat-Taljan, imma l-ittra **għ** tinkiteb ∩, filwaqt li l-**ħ** għandha rasha maqtugħa. Il-Malti tiegħu hu Malti tajjeb ħafna, imma żgur li min kitbu ma kellux f'rasu li juża l-'Malti safi'. Hu Malti maħsub biex jinftiehem minn min kien interessat fis-suġġett; jiġifieri, fost l-oħrajn, mill-bdiewa Maltin.

Tistagħġeb, għalhekk, kemm fih kliem li ntilef, u tista' tgħid li hu kollu kliem li llum ma ġiex mibdul minn kliem ieħor; immu hu kliem li għalih issa nużaw il-kelma bl-Ingliż.

L-eżempji li se nġibu huma kollha meħuda mill-KALENDARJU tal-1849. Fl-ewwel paġna ta' dan il-*Kalendarju* hemm li kien "mictub mis-Signuri: Dr. C. Ab. Camilleri, G. Gauci Azopardi, Dr. G.C. Grech Delicata, Dr. P. Ab. Pullicino, Ant. Schembri". Il-paġni mhumiex innumerati.


CALENDARIO DELL'AGRICOLTORE
PER L'ANNO 1849
PUBBLICATO
DALLA SOCIETÀ ECONOMICO-AGRARIA
DEL
Gruppo di Malta
SCRITTO
Dai Signori: Dr. C. Ab. Camilleri, G. Gauci Azopardi, Dr. G. C. Grech Delicata, Dr. P. Ab. Pullicino, Ant. Schembri.

CALENDARIU TAL BIDWI
∩AL SENA 1849
PUBBLICAT
MIS-SOCIETÀ ECONOMICO-AGRARIA
TAL
Ghizer ta Malta
MICTUB
Mis-Signuri: Dr. C. Ab. Camilleri, G. Gauci Azopardi, Dr. G. C. Grech Delicata, Dr. P. Ab. Pullicino, Ant. Schembri.

Royal Malta Library

## Is-siġar

Għal kull xahar, il-KALENDARJU jagħti lista ta' liema siġra *tenza*, *issajjar*, *tiżhar*, *u traħħas*. Il-fatt li siġra *tinża'*, jew *issajjar*, u aktarx anki li *tiżhar*, għadu jinftiehem sal-lum. Imma li siġra *traħħas*? Bit-Taljan din il-kelma hi mogħtija bħala *frondescenza*. Is-siġra traħħas meta tibda taħseb biex ittella' weraq ġdid wara li tkun neżgħat fi żmien ieħor tas-sena. Ngħidu aħna, dejjem skont dan il-KALENDARJU, is-siġra tat-tin issajjar f'Ġunju/Lulju, tinża' f'Awwissu, u traħħas f'Marzu.

Imma anke siġra li ma tinżax, traħħas ukoll, u dan meta tibda ttella' weraq ġdid. Il-ħarrub, ngħidu aħna, iraħħas f'Jannar. Forsi tgħiduli, illum nużaw il-kelma *tarmi*. Imma le, il-KALENDARJU dik il-kelma jafha wkoll. Ir-*rimja* ssir fergħa ġdida, filwaqt li r-*raħsa* ssir werqa (bl-Ingliż tista' tiġi *leaf bud*). Meta jitkellem fuq it-tabakk (li dari kien għadu jitkabbar), u jgħid li f'ċertu żmien tas-sena dan għandu *jitqaċċat*, il-KALENDARJU jgħid ukoll li jridu jitneħħew ir-rimjiet kollha li x-xitla toħroġ minn wara. Bit-Taljan, il-kelma *rimjiet* hi mogħtija bħala *rami*, li tfisser *friegħi*.

**Id-differenza bejn il-*qoton* u l-*bjad***

Kurżità oħra interessanti hi d-distinzjoni li l-KALENDARJU jagħmel bejn il-*qoton* u l-*bjad*. Fi Frar *jinħarat ir-raba' għall-qoton*. F'April/ Mejju *jinżera' l-qoton*. F'Lulju *jitqaċċat il-qoton*. Imma mbagħad f'Settembru *jinġema' l-bjad*. Id-distinzjoni hi ċara daqs kemm illum għadha ċara d-differenza bejn *dielja* u *għeneb*. Bl-istess mod li llum ma ngħidux "se mmorru naqtgħu d-dwieli" meta rridu nfissru li se mmorru naqtgħu l-għeneb, daqshekk ieħor m'għandniex ngħidu li se mmorru naqtgħu l-qoton meta dak li nkunu qed nagħmlu jkun li



Ritratt meħud minn Maltese History and Heritage, proġett tas-sit elettroniku: vassallomalta.com

qegħdin niġbru l-bjad. Il-bjad hu dak il-ballun abjad u artab li tagħtina x-xitla tal-qoton. Bl-Ingliż jissejjaħ *boll*. Bit-Taljan il-KALENDARJU jagħtiha bħala *bambace*. Illum fid-dizzjunarji Taljani ssib il-kelma *bambagia*. Imbagħad il-bjad *jinħaleġ* jiġifieri jingħadda minn makkinarju apposta biex jissaffa miż-żerriegħa li tkun għadha ġo fih. Il-bjad bla żerriegħa jissejjaħ *maħluġ* u l-maħluġ jittieħed għand id-daqqaq biex idoqqu u jagħmlu *tajjar*.

**Il-ġelbin**

Għall-KALENDARJU TAL-BIDWI, Frar hu x-xahar tal-*ġelbin* (germogliamento). Il-kliem li semmejna s'issa jgħodd għas-siġar u x-xtieli, kif jikbru minn sena għall-oħra, meta jkunu diġà jeżistu fuq wiċċ l-art. Imma xi ngħidu għaż-*żerriegħa*? X'jiġri meta din tindifen fil-ħamrija u tissaqqa? Iż-żerriegħa l-ewwel *tfelles* (to germinate), jiġifieri tarmi r-*rimja tal-għerq* (radicle) li minnha joħorġu dawk li wara kollox nistgħu nqisuhom bħala friegħi taħt il-ħamrija, u li aħna nafuhom bħala l-*għeruq*; u kważi fl-istess ħin iż-żerriegħa toħroġ ukoll ir-*rimja n-nebbieta* (bl-Ingliż ikollna nsejħulha *shoot*). Meta din ir-rimja tfiġġ minn taħt il-ħamrija, toħroġ għall-arja, u tibda terfa' rasha 'l fuq, ngħidu li ż-żerriegħa *nibtet* (to sprout).

Issa l-ilsien Malti jinkludi kelma oħra li wkoll għandha x'taqsam ma' dan il-proċess li qed insemmu. Din il-kelma hi *ġġelben*. Imma din il-kelma ġralha bħalma ġara lill-kelma *nwar*. Jekk illum ngħid li ħaġa bdiet *tnawwar*, ninftiehem li qed ngħid li din il-ħaġa mmuffat jew nitnet. Imma jekk noqogħdu bil-pinna u l-klamar, il-kelma *tnawwar* tfisser li ħarġet l-inwar, jiġifieri ħarġet il-fjuri kif jagħmlu l-uċuħ tar-raba' f'April.

L-istess ġralha l-kelma *ġġelben*. Illum din saret tinftiehem li tfisser iċċarċar bħal ngħidu aħna meta d-dmugħ iġelben ma' ħaddejha, anzi, nasal biex ngħid li llum din il-kelma hi marbuta biss mad-dmugħ iġelben mal-ħaddejn; jew forsi max-xita ġġelben mal-ħġieġ. Imma mhux

minn dejjem hekk kien. U mhux hekk għandu jkun. *Iġġelben il-ful* tfisser tisprawtja l-ful! Jiġifieri *ġelbin* hu dak li bl-Ingliż jissejjaħ *sprouting*.

Biex nifhmu dan x'inhu, irridu niftakru aħna l-Maltin x'nagħmlu liż-żerriegħa tal-*ġulbiena* fi żmien il-Milied: inxarrbuha biex din tinbet, u n-nebbieta tagħha tikber u titwal, imbagħad



Ġelbin taċ-ċiċri
Ritratt ipprovdut mill-kollega Simon Bartolo

inqegħduha ħdejn Ġesù Bambin. Fi żmienna, proċess bħal dan qed isir b'ħafna żrieragħ oħra, imbagħad iż-żerriegħa tittiekel bin-nebbieta b'kollox. Min hu konxju ta' dieta tajba żgur sema' bil-*bean sprouts* u bl-*alfalfa sprouts*. Jekk irridu, għandna kelma bil-Malti għal dan il-proċess ukoll: *bean sprouts* hu *ġelbin tal-ful*, *alfalfa sprouts* hu *ġelbin tal-alfalfa*, eċċ. Issa jekk irridux nużaw din il-kelma, dik ħaġa oħra. Imma imbasta ma jkunx hemm min jgħid li bil-Malti m'għandniex kelma għal *bean sprouts*.

**Osservazzjonijiet**

Għal kull xahar, il-KALENDARJU kellu wkoll dik li jsejħilha Osservazioni. Minn dawn l-osservazzjonijiet toħroġ ċar id-differenza li min kiteb il-KALENDARJU kien jagħmel bejn il-kelma *demel* (*letame*) u *bżar* (*concimare*). Bl-Ingliż, *demel* hu *manure*, filwaqt li *bżar* hu *fertiliser*. Id-distinzjoni hemm bżonnha għax, wara kollox, il-fertilizzant mhux bilfors ikun demel tal-bhejjem. Fl-osservazzjoni li hemm f'Awwissu, il-KALENDARJU jgħid hekk:

> "Waħda mil ħueijeg li izied interessau lil bidwin, hia it-tidmil; la darba id-demel hu dach li bih isiru l'uciuh collha tar-raba."

Fl-osservazzjoni ta' Frar, meta jkun jitkellem fuq il-*patata ta Gerusalem*, il-KALENDARJU jgħid hekk:

> "Fir-raba tafli li ikun imbazzar chif imissu, tati frott ∩al darbtein izied mil patata l'oħra."

L-osservazzjoni ta' Marzu, li titkellem fuq is-siġar taż-żebbuġ, tgħid li dawn għandhom jinżabru kull erba' snin u *sena kabel din iz-zabra ∩andhom itbazru*. Inħoss li hi ħasra li din id-distinzjoni ntilfet fil-Malti tal-lum.

**Ir-raba'**

Semmejna r-raba' *tafli*, li bit-Taljan ingħata bħala terreni argillosi. Il-KALENDARJU jaf b'iżjed kwalitajiet ta' raba'. It-tabakk irid "terreni sciolti, sabbiosi, e calcarei". Bil-Malti din ġiet: raba' *moħwi* u *ħamri*. Diġà semmejna li l-Osservazzjoni ta' Awwissu kienet fuq it-tidmil tar-raba'. Il-KALENDARJU jfakkrek li d-demel "m'għandux jingħata xorta waħda lir-raba' kollu; id-demel tal-baqar għandu jmur għar-raba' *ħamri* u *bajjad* (terreni sciolti); id-demel taż-żwiemel, tal-ħmir, u tal-ibgħal għandu jingħata lir-raba' *tafli* u *żejti* (terreni forti)."[1]

Xi bdiewa xjuħ li tkellimt magħhom qaluli li r-raba' *żejti* jkollu:

> "trab sewdieni grass jixbah lit-tafal, u jeħel mal-għodda int u taħdem".

[1] Minn hawn 'il quddiem, il-kwotazzjonijiet mill-KALENDARJU qed jingħataw bil-Malti Standard.

Fl-1932, Vincenzo Busuttil u Tancredi Borg ħarġu d-DIZZIUNARIU ENCICLOPEDICU MILL'INGLIS GHAL MALTI U MILL MALTI GHALL'INGLIS: GIABRA TA TIFSIR TA DUAR 25,000 CHELMA (BIL FRASEOLOGIJA), li ppubblikatu d-ditta Giovanni Muscat. F'pġ. 3380 tal-volum mill-Ingliż għall-Malti tal-ittri mill-I sal-J, meta kien qed jitkellem fuq id-dwieli, id-dizzjunarju jgħid li,

> "It-*tafli* u *ż-żejti* aktarx ikun fih il-putassa kemm hemm bżonn għad-dielja. Imma l-*ħamri* u l-*muħrar*, xi drabi jkun nieqes wisq mill-putassa li hija meħtiega għad-dielja biex tagħmel il-faxxina u trabbi l-frott."

Nafu b'iżjed kwalitajiet ta' raba'. Lejn l-Aħrax tal-Mellieħa hemm ħafna *ramal*, jiġifieri ħamrija ramlija tajba ħafna għall-uċuħ tar-raba' u, dejjem skont kif qaluli xi bdiewa li ġieli ħadmu r-raba' t'hemm, ir-ramal tista' taħdmu mqar fix-xita. L-isem tal-post magħruf bħala l-Armier hu taħsira tal-kelma *l-Irmiel*, il-plural ta' ramal. Fil-ktieb tiegħu SIĠAR TAL-FROTT, Peter A. Caruana jgħid li l-ħamrija ta' Malta hi ta' ħames tipi, "it-tafli, ir-ramli, ramli u tafli f'daqqa, ħamrija bil-ġir, u ħamrija sewdinijia b'ħafna peat." Imma nissuspetta li l-antiki, li kienu għadhom jitkellmu bil-Malti tajjeb, x'aktarx li kienu jużaw terminoloġija differenti. It-tipi kollha tar-raba' li semmejna s'issa huma r-raba' *tafli*, *ħamri*, *bajjad*, *żejti*, *moħwi*, *ramal* u muħrar.

Tgħid l-awtoritajiet tal-biedja f'Malta jafu jiddistingwu xjentifikament bejn dawn it-tipi ta' ħamrija Maltija? Ma naħsibx li hu 'żvilupp' lingwistiku jekk l-antiki kienu jagħrfu d-differenza, u aħna llum lanqas it-terminoloġija ma nafu.

**Iż-żrigħ**

Għal Novembru 1849, l-osservazzjoni kienet fuq iż-żrigħ tal-qamħ. F'Novembru, dejjem skont dan il-kalendarju, jinżera' l-*għosfor* (*zaffrone*). Bl-Ingliż jissejjaħ safflower, jinżera' x-*xgħir* (*orzo*), u jinżera' l-*qamħ majjorkin* (*frumento tenero*). Issa, aħna nafu li meta l-bidwi dari kien jiżra' l-qamħ, kien l-ewwel *imattar* l-għalqa jiġifieri jqassamha *mtira mtira*, imbagħad jimxi tul kull imtira, f'id waħda jġorr xi ġewlaq jew ċurniena żgħira mimlija żerriegħa, u bl-id l-oħra jaħfen ponn żerriegħa u jferrixha, sewwa kemm jista' jkun, mal-imtira kollha.

Dan il-metodu ta' żrigħ, il-KALENDARJU, bir-raġun kollu, isejjaħlu *żrigħ bil-keff*. Il-*keff* hu dak li llum forsi iktar nafuh bħala l-*pala* tal-id, imma l-kelma proprja hi *l-keff tal-id*. Iżda l-osservazzjoni għax-xahar ta' Novembru xtaqet tinsisti li kien hemm 'strument' ġdid li kien jippermetti lill-bidwi li minflok bil-keff, jiżra' *fil-ħatt* (*in linea*). Din hi kelma li, għal min bħali jogħxa fuq in-nisel tal-kliem, iġġib ferħ kbir fil-qalb! Il-kelma *ħatt* hi l-kelma Maltija għal dak li llum sar sinjal, jew sing, jew linja, jew anke *line*.

Jidher li l-ewwel li tniżżlet din il-kelma kien fid-dizzjunarju ta' Mikiel Anton Vassalli u d-dizzjunarji l-oħra ta' wara baqgħu jġibuha. Erin Serracino Inglott fil-MIKLEM iġib ukoll il-kelma *taħtit*, u jfissirha bħala "kaligrafija", u dan bir-raġun kollu għax meta tikteb, int tikteb linja linja, sing sing, jew line, line. Hekk xtaq li jibdew jagħmlu l-bdiewa dan il-kalendarju maħruġ mis-Società Agraria: xtaqhom jibdew jiżirgħu l-qamħ *fil-ħatt*, ħatt ħatt, linja linja, sing sing, b'dan l-istrument il-ġdid. L-Osservazzjoni hi gustuża ħafna u ħsibt li naqsamha magħkom:

> "Iż-żrigħ tal-qamħ fil-*ħatt* għandu vantaġġi li l-bdiewa kollha li jaħsbu tajjeb fuq dak li jagħmlu, jistqarruhom. Dan iż-żrigħ isir bi strument li jiżra' waħdu, ixerred il-qamħ kif imissu u bil-qies kollu, jordom il-qamħ kollu xorta waħda, u hekk iż-żara' jiġi mqabbad tajjeb fir-raba' qasir. Dan l-istrument ixerred ukoll il-*bżar*, imma wisq inqas minn kieku

jixxerred bl-idejn, u jfendi iżjed għaliex isib ruħu mal-istess żerriegħa. B'dan il-mod ta' żrigħ tonqos il-ħsara li jagħmlu s-saqajn fin-*naqa*; jagħti aktar qawwa li jikber iż-żara', u dak fuq kollox li jagħti *tgħam* wisq iżjed miż-żrigħ l-ieħor, li jsir *bil-keff*; b'mod illi r-raba' għajjien ikun jagħti daqs ir-raba' tajjeb. L-ewwel strument taż-żrigħ, kif semmejna, li fehmu jġibu għal pajjiżna, hu dak li għamel is-Sur Maurgue; fejn fost l-istrumenti kollha li s'issa saru barra minn Malta għaż-żrigħ, hu l-aktar sempliċi u ħafif."[2]

Ma nixtieqx li nħalli l-kelma *fil-ħatt* tibqa' għaddejja u tintnesa. Jidher li kien hemm żmien meta fl-ilsien Malti, jekk tagħtini lapes u karta u tgħidli, "Agħmel *ħatt* bil-lapes fuq il-karta", kont nifhmek u nagħmel sinjal, rig, sing, jew line bil-lapes fuq il-karta. Jekk ittini żiemel u moħriet u tgħidli, "Agħmel *ħatt* bil-moħriet fil-ħamrija minn ħajt sa ħajt tal-għalqa", kont nifhmek ukoll, u nagħmel radda bil-moħriet fil-ħamrija. Jekk imbagħad tgħidli, "Issa iżra' ż-żerriegħa fil-*ħatt*", kont niżra' ż-żerriegħa fir-radda li għamilt.

Hekk kienet tinżera' l-patata: wieħed jagħmel radda bil-moħriet, u l-ieħor jimxi fil-ħatt, jitfa' l-patata mqattgħa fil-ħamrija u jirfisha hu u miexi biex tintradam. Il-*ħatt* li sar bil-moħriet fil-ħamrija jissejjaħ ukoll *radda*, imma l-ħatt li għamilt bil-lapes fuq il-karta ma jissejjaħx radda, imma huwa sempliċement *ħatt*.

Jisgħobbija li bqajt ma sibtx min kien is-Sur Margue, Alla jaħfirlu, li vvinta dan l-istrument imsemmi mis-Società Agraria. Imma jidher li l-istrument tas-Sur Margue ma qabadx ħafna art f'Malta, u l-bdiewa baqgħu għal ħafna żmien jiżirgħu l-qamħ bil-keff, u mhux fil-ħatt.

*Traħħas, bjad, maħluġ, ġelbin, inwar, bżar, żejti, moħwi, ramal, muħrar, żrigħ fil-ħatt, żrigħ bil-keff*, xi ġmiel ta' kliem! Kliem li 'ntilef' iżda b'rieda tajba jista' jerġa' 'jinstab'.

[2] L-ortografija tranġat biex taqbel ma' dik ta' żmienna.

| | |
|---|---|
| raħħas | to bud |
| bjad | boll |
| maħluġ | carded cotton |
| ġelbin | sprouting |
| nwar | flower buds |
| bżar | fertiliser |
| raba' żejti | clayey soil |
| raba' moħwi | loose soil |
| raba' ramal | sandy soil |
| raba' muħrar | poor quality soil |
| għosfor | safflower |
| mtira | offset (part of a field marked out for sowing) |
| żrigħ fil-ħatt | sowing in a farrow |
| żrigħ bil-keff | spreading seeds by hand |

*Ġużi Gatt huwa l-awtur tal-pubblikazzjoni* QIEGĦDA FIL-PONTA TA' LSIENI *u huwa wkoll l-editur tar-rivista folkloristika* L-IMNARA

## Biblijografija

Aquilina, Joseph, MALTESE-ENGLISH DICTIONARY, iż-żewġ volumi, Malta, 1987.
Busuttil, V. u Borg T., DIZZJUNARJU ENCICLOPEDICU MILL'INGLIS GHAL MALTI U MILL MALTI GHALL'INGLIS, Giovanni Muscat, Malta 1932.
CALENDARIO DELL'AGRICOLTORE PER L'ANNO 1849, pubblicato dalla Società Economico-Agraria del Gruppo di Malta. Scritto dai Signori: Dr C. Ab. Camilleri, G. Gauci Azopardi, Dr G.C. Grech Delicata, Dr P. Ab. Pullicino, Ant. Schembri.
Caruana, P. A., SIĠAR TAL-FROTT, Malta, 1982.
Serracino-Inglott, E., IL-MIKLEM MALTI, disa' volumi, Malta, 1975-1987.
Vassalli, Mikiel Anton, *LEXICON*, Malta, SKS, 2002.

**Lejn mappa tad-dinja bil-Malti – għala le?**
Antoine Cassar
(*L-ewwel artiklu minn tnejn*)

**Il-proposta**

Imwaħħla mal-ħajt tal-uffiċċju għandi mappa kbira tad-dinja, tan-*National Geographic*. Bl-Ingliż, m'hemmx xi ngħidu, għalkemm setgħet kienet bil-Franċiż, bl-Ispanjol, bit-Taljan. Kultant, bejn it-traduzzjoni ta' paragrafu u ieħor, ninqala' minn quddiem l-iskrin u ndur inħares lejn il-mappa, bħalkieku biex inserraħ ftit għajnejja, u fl-istess ħin biex nerġa' nikseb daqsxejn tal-perspettiva. Il-kuxjenza ġeografika fundamen-tali, mhux biss għall-moħħ, iżda daqstant ieħor għall-pulmun. Ta' sikwit, għajnejja jaqgħu istintivament fuq stilla sewda magħluqa f'ċirku, bejn il-kelmiet *MALTA* u *Valletta*. Il-forma ta' ħuta jkolli nistħajjilha, għax moħbija mhux biss wara ċ-ċirku bl-istilla, iżda anki taħt ajruplan aħmar itwal minnha. Drabi oħra, nibda noħlom. Mhux biss li qiegħed inbaħħar fuq il-wesgħat koħol, jien u nsegwi s-suriet tal-kontinenti, jew nittrakka fi gżejriet żbanduti f'nofs il-Paċifiku. Noħlom ukoll li l-postijiet li ngħaddi minn ħdejhom, u l-ismijiet jitmewġu fuq il-baħar li ngħaddi bejniethom, ikunu miktubin, fejn possibbli u fattibbli, bil-Malti.

Mappa tad-dinja bil-Malti, x'jiġifieri? Jiġifieri, ngħidu aħna, li ssalpa minn nofs il-Baħar Mediterran, tgħaddi mill-Istrett ta' Ġibiltà biex tiżbokka fl-Oċean Atlantiku, issegwi x-xatt tal-Majjistral tal-Afrika bl-Irjieħ Alizej impoppa, taqsam it-Tropiku ta' Kankru u l-Ekwatur, tkompli nieżel[1] sakemm taqbeż l-għorom tad-Deżert tan-Namib, tgħaddi minn bejn il-Gżira Robben u Belt il-Kap, tħalli warajk il-Muntanja tal-Mejda, u jekk il-ħalel jippermettu (il-Kurrent ta' Benguela, li jibqa' tiela' mill-Passaġġ ta' Drake, ikun aħrax is-sena kollha), iddur bil-galbu ma' Kap it-Tama t-Tajba, lejn il-Lvant, għal fuq l-ilmijiet aktar kalmi tal-Oċean Indjan.

Iktar ma nitbiegħdu mill-Blata, iktar dawn l-ismijiet jidhrulna strambi, bizzarri, jekk mhux ukoll iżarżru; terġa' u tgħid, fil-każijiet tat-toponimi tradotti bis-sħiħ (*il-Muntanja tal-Mejda*, *Kap it-Tama t-Tajba*), jista' jkun li l-ismijiet jisfaw aktar eżotiċi milli kieku tħallew fil-'lingwa pont', f'dan il-każ l-Ingliż (*Table Mountain*, *Cape of Good Hope*).



Il-kantuniera tal-Lbiċ tal-Afrika t'Isfel, mil-Lvant. Mix-xellug għal-lemin: il-Gżira Robben, Belt il-Kap, il-Muntanja tal-Mejda, Kap it-Tama t-Tajba.

L-użu ta' lingwa pont fl-adozzjoni u/jew il-ħolqien tat-toponimi huwa prattika bażika f'kull lingwa, inkluż l-Ingliż: iż-żewġ eżempji li għadni kif semmejt huma msejsa fuq l-ismijiet bl-Afrikaans, li min-naħa tiegħu kien adotta u ttraduċa l-ismijiet mogħtija mill-baħħara Portugiżi tas-seklu 15; billi Spanja tul is-seklu 19 kienet tħares lejn il-bqija tal-Ewropa mit-tieqa tal-kultura Franċiża, ħafna toponimi bl-Ispanjol inħolqu b'kalk fuq il-Franċiż (*Colonia*, *Varsovia*, *Moscú*); u bil-Malti stess, il-biċċa l-kbira mit-toponimi – anki ta' ċerti postijiet Ingliżi – waslulna mit-Taljan (*Barċellona*, *Ateni*, saħansitra *Londra*). Ta' spiss, madankollu, jien u nħares lejn il-mappa, ikolli l-impressjoni li hemm fruntiera inviżibbli, mhux ħafna ikbar mill-Mediterran u l-Ewropa tal-Punent, li lil hinn minnha t-toponimi kollha (għajr imqar l-ismijiet tal-

[1] *Fuq* u *isfel* mhumiex strettament ekwivalenti għal *Tramuntana* u *Nofsinhar*, iżda hija konvenzjoni Maltija altru milli aċċettata, imsejsa fuq il-konvenzjoni Ewropea tal-mappa orjentata bit-Tramuntana fil-parti ta' fuq, sa mill-invenzjoni tal-boxxla fis-seklu 13.

pajjiżi) jibqgħu awtomatikament fil-lingwa pont, u nibżgħu nagħtuhom dik l-aħħar spinta biex jieħdu wkoll, fejn possibbli u xieraq, libsa ortografika (u għaldaqstant natura fonetika) Maltija.

Ma nixtieqx inkun pessimist, iżda apparti l-biża' mill-ħolqien ta' toponimi ġodda bil-Malti lil hinn minn dik il-fruntiera immaġinarja, illum il-ġurnata, fit-taħdit ta' kuljum, għaddej proċess altru milli inkwetanti: ċerti toponimi stabbiliti minn dik il-fruntiera 'l ġewwa sabu ruħhom jikkompetu mal-ekwivalenti tagħhom la Ingliża, tant li safa kważi għalkollox naturali tisma' frażijiet bħal "*naħdem Laksimberg*", "*tiela' sa Brasilż*", "*ibbukkjajna lukanda f'Venis,*"[2] u sejrin. Għaxar snin wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, b'aktar faċilitajiet biex nivvjaġġjaw, aktar aċċess għall-għarfien u aktar esponiment għal kulturi mbiegħda, jekk il-kuxjenza ġeografika tas-soċjetà Maltija tassew twessgħet, hija ħasra li l-kuxjenza ġeografika tal-ilsien Malti ma mxietx pari passu magħha. Anzi, jekk xejn, it-taqtigħa siekta bejn it-toponimi stabbiliti u l-ismijiet Ingliżi li qed jeħdulhom posthom tikkonferma mhux biss li bqajna pprogrammati li nħarsu lejn il-bqija tad-dinja b'għajnejn u bi lsien ħaddieħor, iżda li din il-kundizzjoni – lingwistika, psikoloġika – qed tiġi eżaċerbata.

F'dan ix-xenarju, li ssemmi l-possibbiltà ta' atlas tad-dinja bil-Malti tinstema' ġennata; il-periklu huwa li nispiċċaw b'mappa fejn il-ħuta Maltija, flimkien ma' minoranza ta' toponimi bil-Malti li jistgħu jitqiesu familjari mal-maġġoranza, tgħum f'oċean Ingliż. Bħal dak li qallu li l-kuxjenza ġeografika Maltija tibda l-Qrendi u tispiċċa x-Xlendi, jew l-iktar l-iktar, tkopri mill-Ponta ta' Bengħajsa, Ħal Far, sa Kap San Mitri, ir-raħal tal-Għarb. Nafu li dan mhux minnu, u li lanqas qatt ma kien. Lil hinn mill-ismijiet ta' bliet Mediterranji marbutin mal-emigrazzjonijiet tas-seklu 19 (*Marsilja*, *Lixandra*, *il-Kajr*), jissemmew ta' kuljum toponimi lil hinn mill-Mediterran (*Pariġi* s'issa ma jidhirlix li daħlet f'kompetizzjoni ma' *Paris*) u anki lil hinn mill-Ewropa (*l-Amerka*). Żid l-ismijiet tal-ibħra, tal-pajjiżi, ta' xmajjar u muntanji u karatteristiċi ġeografiċi oħra, u l-possibbiltà ta' mappa tad-dinja bil-Malti ma tibqax tidher stramberija. Għalija, li hu tassew stramb hu li qatt ma nzertajt mappa tad-dinja bil-Malti mwaħħla ma' ħajt, u lanqas fi ktieb.

Bla dubju, il-problema, u allura s-soluzzjoni, jinstabu fl-edukazzjoni. Mill-ftit żmien li qattajt fl-iskola primarja tal-Qrendi f'nofs it-Tmeninijiet, għandi tifkira mċajpra ta' ktejjeb tal-Istudji Soċjali bil-Malti (bil-qoxra safra, jekk ma kinitx il-kisja tal-plastik), bi ftit mapep sfużi, bilfors ċkejknin u limitati. Ktejjeb ieħor ta' dak iż-żmien IL-ĠOGRAFIJA ta' Lizio Zerafa, jinkludi biss mapep tal-gżejjer Maltin, tal-Gran Brittanja, u tal-Ewropa u l-Magreb, mingħajr wisq dettalji lil hinn mill-ismijiet tal-pajjiżi. Iktar riċenti, fis-sena 2012 ħareġ ID-DINJA DARNA għat-tielet sena tas-sekondarja, iżda billi huwa ffukat aktar fuq studji




2 It-tismija ta' bliet Taljani la Ingliża mhix komuni, iżda jidher li bdiet tinstema' wkoll. Eżempju meħud mill-internet: "Min jaf Maria Pia kif sejra Venice?" (http://www.theweddingsite.com/bridalforum/index.php?topic=814.30).

ambjentali milli ġeografija 'tradizzjonali', il-mapep li fih xorta jibqgħu skarsi, u mill-Mediterran ma jitbegħdux.

Lil hinn mill-kotba għall-iskejjel, u mill-ftit paġni ġeografiċi tal-ENĊIKLOPEDIJA GĦAT-TFAL adattati minn Pierre Mejlak bl-għajnuna ta' Trevor Żahra (Merlin Library, 2005), l-isforzi li saru biex tinħoloq toponomija dinjija bil-Malti huma diversi u sparpaljati, u jikkonċernaw, kważi esklussivament, l-ismijiet tal-pajjiżi jew stati nazzjon. Dan hu l-każ tal-listi li nsibu fl-aħħar paġni taż-żewġ dizzjunarji ta' Ġużè Aquilina, u tal-lista tan-nazzjonijiet li tidher fl-Anness A5 tal-GWIDA TAL-ISTIL INTERISTITUZZJONALI, li impona l-gvern Malti erba' snin ilu, bl-inkonsistenzi kollha tagħha.[3]

Nistennew bil-ħerqa r-riżultati tal-ħidma li għaddejja bħalissa mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti biex tiġi kkoreġuta u aġġornata din il-lista 'uffiċjali' skont kriterji fis-sod. Il-Kunsill diġà ħa ħsieb il-verżjoni Maltija tal-lista tal-ismijiet tar-reġjuni tal-pajjiżi tal-Unjoni, midmuma abbażi tal-livelli 1 u 2 tal-klassifikazzjoni NUTS (in-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika), u ppubblikata f'Diċembru li għadda bħala l-Anness A10 tal-istess GWIDA TAL-ISTIL. Il-kriterji għat-traduzzjoni (u t-traspożizzjoni ortografika) jew għaż-żamma bl-ilsien lokali jew fit-trażlitterazzjoni Ingliża (fejn xieraq) jidhru konsistenti, u din il-lista diġà qed tkunilna ta' siwi għat-traduzzjonijiet dwar il-prodotti agrikoli b'denominazzjoni protetta tal-oriġini, l-għotjiet għall-iżvilupp reġjunali, il-politiki ekoloġiċi lokali, u l-bqija.

Dan l-ewwel artiklu minn tnejn huwa sempliċi proposta dwar il-possibbiltà ta' mappa tad-dinja (u eventwalment, min jaf?, ta' atlas sħiħ) bil-Malti. Fid-dawl tal-ħidma li għaddejja bħalissa fi ħdan il-KNM, nevita li nidħol wisq fi kwistjonijiet rigward l-ismijiet tal-pajjiżi (u l-ortografija tagħhom); f'kull każ, billi mappa tmur neċessarjament lil hinn mill-ismijiet tal-istati nazzjon, tinteressani ħafna iktar, f'dan l-istadju, it-traduzzjoni ta' toponomi proprjament ġeografiċi (reġjuni fis-sens ġeoloġiku, muntanji, xmajjar, eċċ.) aktar milli politiċi. Madankollu, ċerti koinċidenzi se jkunu inevitabbli: biss biss, insibu ismijiet ta' xmajjar li għalihom huma msemmija l-pajjiżi maqsumin minnhom, eż. il-Gambja u l-Kongo.



Mappa fil-ktejjeb IL-ĠOGRAFIJA, ta' Lizio Zerafa

F'dan l-ewwel artiklu niddiskuti wħud mid-diffikultajiet li rridu nkunu lesti li nattakkaw meta niġu biex noħolqu toponimi bil-Malti, marbutin ma' ċerti realtajiet politiċi u lingwistiċi fil-lingwi sors, iżda anki mal-għarfien ġeografiku ġenerali fil-lingwa mira, li billi huwa ddominat mill-Ingliż jista' faċilment irażżan il-kreattività toponomika jekk ir-riżultati ma jkunux trasparenti biżżejjed. Fil-ħarġa li jmiss ta' *l-aċċent*, beħsiebni nesplora xi kriterji preliminari – x'jista' jiġi tradott jew trażlitterat, u kif – li aktar 'il quddiem, wara l-pubblikazzjoni tat-tabella kkoreġuta tal-ismijiet tal-pajjiżi mill-KNM, ikunu jistgħu jitqabblu mal-kriterji li adotta l-Kunsill għat-titjib u għall-irfinar tagħhom.

[3] Ara l-artiklu "*ListCountriesandtheirDerivatives.xls*" [sic.; kien l-isem tal-fajl bil-lista 'uffiċjali' li kellna nsegwu reliġjużament fit-traduzzjonijiet tagħna], ta' Andrew Sammut, *l-aċċent* Nru 2, Marzu 2010, p. 2-4.

**Id-diffikultajiet**

L-ewwel diffikultà timplika wkoll riżerva: f'elenku ta' toponimi (*gazetteer*), iżda anki fuq il-mappa stess, inkunu idealisti wisq, biex ma ngħidx inġenwi, jekk nassumu li kull post bilfors irid juri isem waħdani. Għandna naċċettaw il-possibbiltà ta' **varjanti**, li jeżistu minħabba kwistjonijiet politiċi, żviluppi storiċi, jew sempliċi realtajiet lingwistiċi. Fil-każ tar-raġunijiet politiċi, it-trattament ta' tali varjanti tant jista' jkun sensittiv li n-Nazzjonijiet Uniti stess, fil-MANUAL FOR THE NATIONAL STANDARDISATION OF GEOGRAPHICAL NAMES (2006), iħallu f'idejn l-istati nazzjon individwali d-deċiżjoni dwar kif il-varjanti għandhom jintwerew fuq il-mappa (jew jitħallew barra), filwaqt li jisħqu fuq l-importanza tal-konsistenza fl-applikazzjoni tas-sistema magħżula.[4]

Aneddotu li jiċċirkola ħafna fir-rivisti ġeografiċi huwa l-battibekk imġebbed bejn l-Iran u l-Emirati Għarab Magħquda rigward l-isem 'internazzjonali' tal-baħar li jifridhom: fl-2004, in-*National Geographic Society* ippubblikat it-tmien edizzjoni tal-Atlas tad-Dinja tagħha, li fiha, għall-ewwel darba, inkludiet l-isem *Arabian Gulf* fil-parenteżi wara l-isem *Persian Gulf*; wara sitt snin ta' pressjonijiet minn bnadi differenti, is-Soċjetà ħalliet l-isem sekondarju barra mid-disa' edizzjoni tal-istess Atlas (2010).

Dan eżempju wieħed minn ħafna ta' ilsna li jiġġieldu biex ikunu l-'lingwa pont' li permezz tagħha toponimu jiġi adattat f'ilsna oħra, speċjalment fl-Ingliż, u ta' sikwit, istituzzjoni li taħdem f'dik it-tielet lingwa jkollha tagħmel għażla politika kontra qalbha, għax anki jekk turi żewġ ismijiet, wieħed minnhom bilfors ikollu jidher fuq jew quddiem l-isem l-ieħor.

Tali għażla politika mhux dejjem ikollha ssir bejn żewġ lingwi pont, iżda anki bejn varjanti li jistgħu jeżistu fl-istess lingwa, spiss minħabba modifiki ortografiċi minsuġa ma' żviluppi storiċi. Fl-1947, il-gvern tal-Indja beda proċess (li għadu għaddej sal-lum) ta' tismija mill-ġdid ta' ċerti reġjuni u bliet tal-pajjiż, bl-adattament ta' ħafna toponimi mill-Ingliż kolonjali għall-'Ingliż tal-Indja', il-lingwa franka tas-subkontinent: b'hekk, l-isem uffiċjali tal-belt ta' *Calcutta* ġie 'kkoreġut' għal *Kolkata* (abbażi tal-fonetika Bengali), *Bombay* saret *Mumbai* (abbażi tal-Marathi), u *Bangalore* nbidlet f'*Bengaluru* (abbażi tal-Kannada). Il-mappa tan-*National Geographic* tirrispetta dawn it-tibdiliet, iżda tagħti t-toponimu kolonjali bħala isem sekondarju, fil-parenteżi wara l-isem aġġornat u f'tipa tikka iżgħar, x'aktarx għax l-ismijiet il-ġodda għadhom mhux mifruxin biżżejjed fost il-kelliema tal-Ingliż barra mill-Indja, filwaqt li l-'antiki' mhux talli għadhom jiċċirkolaw, talli għadhom jinħassu moderni (ħlief forsi l-isem *Bombay*, li beda jieħu bixra iktar nostalġika). F'każijiet bħal dawn, atlas bil-Malti jista' faċilment jagħżel li jibbaża esklussivament fuq l-ismijiet bl-Ingliż tal-Indja (*Kolkata* u *Bengaluru* jibqgħu jinkitbu l-istess, filwaqt li *Mumbaj* sempliċement jadatta l-*i* għas-semivokali *j*), mhux biss bħala għelm ta' rispett iżda anki għall-preċiżjoni ġeopolitika; mill-banda l-oħra, kif se naraw issa fit-tieni osservazzjoni, wieħed għandu jixtarr jekk dawn l-ismijiet humiex trasparenti biżżejjed waħedhom, jew jekk, nagħtu każ, *Kolkata* jkollu warajh l-isem sekondarju *Calcutta* fil-parenteżi, biex min mhux familjari mat-toponimu l-ġdid ikun jista' jorjenta ruħu, flok jintilef fil-mappa.

Lil hawn jew lil hinn mill-istejjer ta' lingwistika patrijottika, il-varjanti toponomiċi jistgħu jitqiesu sors ta' rikkezza, iżda għandna noqogħdu attenti wkoll li ma nitilfux il-bilanċ billi ninjoraw ċertu bżonn ta' stabbiltà, li fil-każ tal-Malti ilu ħafna jinħass, anki fejn jidħlu termini ġeografiċi mill-iktar bażiċi: biżżejjed

[4] Dokument tal-UNGEGN (UNITED NATIONS GROUP OF EXPERTS ON GEOGRAPHICAL NAMES), p. 49. http://unstats.un.org/unsd/publication/seriesm/seriesm_88e.pdf

insemmu l-kelma *ġeografija* stess, li ilha d-deċennji tikkompeti mal-forma Anglo-Taljana *ġografija*. Għadu jeżisti nuqqas ta' qbil ukoll rigward l-ismijiet ta' ċerti kontinenti (*Affrika* vs. *Afrika*, *Asja* vs. *Ażja*), filwaqt li l-kelma *oċeanu* għadha ma ċedietx għalkollox għall-forma *oċean*. (Interessanti li fil-paġna 419 tat-tieni edizzjoni tad-DIZZJUNARJU ta' Mario Serracino Inglott, tal-2003, tidher *oċean* bħala entrata għaliha, u eżatt wara, taħt l-entrata *oċeaniku*, insibu t-tifsira "*li għandu x'jaqsam mal-oċeanu*"; tmien snin wara, fit-tielet edizzjoni tal-istess dizzjunarju, l-edituri ndunaw bl-inkonsistenza u l-*u* ta' *oċeanu* waqqgħuha.)

It-tieni diffikultà, skabruża wkoll iżda mod ieħor, tikkonċerna l-fattur tat-**trasparenza** tat-toponimi li jieħdu libsa Maltija, kemm dawk li jkunu adattamenti fonetiċi-ortografiċi, u kemm dawk li jinħolqu permezz ta' traduzzjoni kunċettwali, parzjali jew bis-sħiħ.

Hawnhekk tidħol iż-żurżieqa tal-familjarità tal-kelliem Malti 'medju' mat-toponimi kif inhuma fil-lingwa pont, qabel ma jiġu adattati jew tradotti: żurżieqa, għax il-livell ġenerali ta' familjarità mal-ġeografija dinjija (speċjalment lil hinn mill-fruntiera Ewro-Mediterranja li semmejna aktar 'il fuq) mhux lakemm tkejlu, u kull suppożizzjoni rigward tali livell ġenerali tkun perikoluża. Minn banda, jekk nassumu wisq, il-mappa bil-Malti tista' toħorġilna iktar eżotika milli informattiva, u nkunu qegħdin nagħżqu fl-ilma; mill-banda l-oħra, jekk ma nassumux biżżejjed, il-mappa jaf turi ċertu lapazzar arbitrarju, u tikxef inkonsistenzi fl-applikazzjoni tal-kriterji, għax inkunu tajna aktar importanza lill-fattur tal-familjarità ġeografika ġenerali milli lill-possibbiltajiet ta' kreattività toponomika.

Għażla oħra tkun li, tal-anqas fl-ewwel ftit edizzjonijiet tal-mappa, ċerti proposti ta' toponimi bil-Malti jidhru flimkien mal-ekwivalenti tagħhom fil-lingwa pont bejn il-parenteżi, bħal fis-suġġeriment ta' *Kolkata* (*Calcutta*) iktar 'il fuq; madankollu, din ma tantx tinħass soluzzjoni prattika lanqas, għax b'hekk l-użu tal-Malti jkun qed jiġbed wisq attenzjoni lejh innifsu, u jsir aktar importanti mill-mappa stess.

Kif għidt iktar 'il fuq, fl-eżerċizzju tiegħi nixtieq niffoka l-iktar fuq toponomi proprjament ġeografiċi, iktar ġeoloġiċi milli politiċi, iżda ma nistax nagħmel hekk mingħajr ma navviċina wkoll ċerti ismijiet ta' pajjiżi u ta' bliet. Fejn niġbdu l-linja bejn dak li jista' jitqies trasparenti – identifikabbli fuq il-mappa mingħajr ma jidher ħdejh l-isem bil-lingwa pont – u dak li ma jistax?

Tkun fejn tkun miġbuda l-linja, nemmen li aktar ma l-qarrejja tal-mappa jassorbu t-toponimi proposti, aktar se jidraw ċerti xejriet (uħud minnhom offruti mill-istruttura tal-ilsien Malti stess, bħall-istat kostrutt), u aktar l-ismijiet li fil-bidu jinħassu strambi se jsirulhom trasparenti, u eventwalment ukoll familjari. Eżempju sempliċi: *Belt il-Messiku* u *Belt il-Vatikan* jinftiehmu mill-ewwel u jintużaw (f'kompetizzjoni mal-forma *il-Belt tal-...*); *Belt il-Panama* u *Belt il-Gwatemala* ma nafx li qatt smajthom, iżda jibqgħu trasparenti; jien u nisraq ħarsa lejn il-mappa bl-Ingliż li hemm warajja, għajnejja jaqgħu fuq *Ho Chi Minh City*, fin-nofsinhar tal-Vjetnam: jekk nikteb *Belt Ho Chi Minh*, ma naħsibx li nkun qed nitkessaħ. Anzi, bl-għajnuna tal-erba' eżempji ta' qabel, b'sempliċi analoġija fuqhom, ikun hemm iktar ċans li *Belt Ho Chi Minh* tiġi aċċettata mill-kelliem 'medju' wkoll.

Madankollu, meta niġu għat-toponimi maħluqa bi traduzzjoni sħiħa, inkunu qed nitolbu u nistennew ftit (jew ħafna) aktar sforz min-naħa tal-qarrej. Eżempju mill-vjaġġ tul ix-xatt tal-punent tal-Afrika li ħlomna fil-bidu tal-artiklu huwa *Belt il-Kap*, għadma tikka aktar iebsa minn *Belt Ho Chi Minh*, għax tirrikjedi żewġ gidmiet flok waħda biex dak li jkun jasal għal *Cape Town*. (U *Kap it-Tama t-Tajba*, tlieta.) Hawnhekk x'aktarx insibu 'l min jifhem u

jaċċetta t-toponimu *Belt il-Kap* minnufih, u min bl-isem Malti jħossu iktar imbiegħed mill-belt imsemmija milli mqarreb lejha, tal-anqas l-ewwel darba li jarah. Paċenzja jkun hemm bżonn ħafna, fuq iż-żewġ naħat: l-ewwel pass huwa li t-toponimu propost jinqara; it-tieni pass li jintlaqa'; u t-tielet li jindara.

Issa però t-tieni pass mhuwiex esklussivament f'idejn il-qarrejja, għax it-toponimu propost irid jikkonvinċi, permezz ta' kriterji applikati b'mod kemm jista' jkun konsistenti; mill-banda l-oħra, tajjeb ukoll li t-toponimi li għall-ewwel jinħassu strambi jisfidaw u jwessgħu l-kuxjenza ġeografika ta' min jikkonsulta l-mappa, inkella l-mappa tkun inutli, għajr bħala sempliċi oġġett ta' tiżjin. It-tielet pass, li toponimu ġdid jindara, jibqa' 'l bogħod ħafna, u jkun f'idejn il-midja, l-iskejjel, u kull min jemmen tassew fil-possibbiltà – u fil-ħtieġa – ta' toponomija dinjija bil-Malti.

It-tielet diffikultà tikkonċerna l-**lingwi pont**, li fil-każ tal-Malti għandhom ikunu tnejn: iktar possibbiltajiet, iva, iżda wkoll iktar każijiet ta' kompetizzjoni u iktar lok għall-inkonsistenzi. Bħalma l-kultura Spanjola tas-seklu 19, kif għidna, kienet tħares lejn il-bqija tal-Ewropa mill-prizma ta' Franza bħala punt ta' riferiment kulturali, sa xi ġenerazzjoni u nofs ilu, il-Malti kien iħares lejn id-dinja mil-lenti tal-kultura Taljana, u llum dik Ingliża globalizzata. Ma nemminx li t-Taljan għandna nwarrbuh bħala lingwa pont possibbli, għax jaqdina diġà fil-maġġoranza tal-ismijiet tal-pajjiżi (tal-anqas, dawk stabbiliti), u jaqdina tajjeb b'mod partikolari għat-toponimi tad-dinja Latina (l-Amerka Ċentrali u l-Amerka t'Isfel), ovvjament għax il-morfoloġija tiegħu mhijiex differenti wisq minn dik tal-Ispanjol.

Xi eżempji: *il-Perù*, b'dak l-aċċent importanti fuq l-aħħar vokali (l-aċċent Spanjol huwa bil-maqlub, iżda għandu l-istess għan); *il-muntanji tal-Andi* (anki jekk bdiet tinstema' wkoll *tal-Andes*); *l-Amażonja* (mogħtija minn Aquilina u użata f'diversi paġni tal-Wikipedija Maltija, għalkemm ħadd ma jitniffes ormaj jekk titlissen minflokha l-kelma *Amażon*).[5]

Xorta waħda, kif għad naraw meta niġu għall-kriterji għat-trażlitterazzjoni jew traduzzjoni tat-toponimi, jekk nassumu li se nimxu strettament fuq it-Taljan għall-Amerka Latina, u fuq l-Ingliż għal kull kontinent ieħor lil hinn mill-fruntiera Ewro-Mediterranja mistħajla aktar 'il fuq, tkun semplifikazzjoni qarrieqa. Lil hinn mill-Amerka Latina, għad hemm ħafna varjanti f'kompetizzjoni: skont statistiċi misluta mill-korpus tal-MLRS[6], għal ħafna postijiet, il-verżjoni mit-Taljan tidher li qed titlef, eż. *l-Golf Persjan* vs. *il-Golf Persiku*, 23-4, jew *il-Himalayas* vs. *il-Ħimalaja*, 18-5, iżda għal postijiet oħrajn, it-toponimu mit-Taljan għad għandu s-sopravvent, eż. *l-Baħar Kaspjan* vs. *il-Baħar Kaspju*, 4-8.

Ir-raba' diffikultà tkompli żżid il-bżonn ta' **prudenza**, mhux biss fl-applikazzjoni tal-kriterji u r-rispett għal ċerta trasparenza, iżda fuq kollox, rigward il-periklu li naqgħu fin-nasba tal-etimoloġija falza. Kultant, it-tentazzjoni li noħolqu toponimu bil-Malti ta' ċerta 'eleganza' tista' tkun qawwija, u jaqbel li noqogħdu attenti għal ċerti toponimi li jistgħu jidhru metafori meta fil-fatt ġejjin minn sempliċi nomi proprji. Il-peniżola tal-Grigal tal-Afrika, pereżempju, magħrufa bl-Ingliż bħala *the Horn of Africa*, jisimha hekk proprju għax għandha forma ta' qarn (aktarx ta' rinoċeronti), u allura jixraq li bil-Malti tissejjaħ *il-Qarn tal-Afrika*. Madankollu, fil-każ ta'

[5] Anomalija li l-loġika tagħha għadni ma wasaltx nifhem, jekk hemm, hija l-isem *iċ-Ċilì*, bl-aċċent fuq it-tieni *i*: mhux imsejjes fuq it-Taljan (*Cile*, fuq l-Ispanjol *Chile*), u lanqas fuq l-Ingliż (*Chi-le*, bl-aċċent fuq l-ewwel sillaba). Forsi kien żball tat-tipa fid-dizzjunarju ta' Aquilina, jew żball ġenwin fir-rigward ta' wieħed mill-pajjiżi l-iktar imbiegħda mir-realtà Maltija, li baqa' jitnissel sal-lista 'uffiċjali' tal-ismijiet tal-pajjiżi li ħareġ il-gvern Malti ta' erba' snin ilu. Madankollu, tant smajt *iċ-Ċilì* fuq fomm in-nies, tradutturi u mhux, li nibża' li ormaj tard wisq biex jiġi 'kkoreġut', jekk tista' fil-fatt 'tikkoreġi' dak li hu diġà stabbilit.

[6] http://mlrs.research.um.edu.mt/corpusquery/malti01/

*Cape Horn*, dak li jitqies l-aktar punt meridjonali tal-Amerka t'Isfel, anki jekk ix-xtut tal-Lvant u tan-Nofsinhar ta' Tierra del Fuego jixbhu t-taqwisa ta' qarn, it-toponimu ma jitnissilx mill-istess metafora: fil-fatt, dal-kap jinstab fit-tarf ta' gżejra jisimha *Hornos* (li f'kull każ kieku tfisser *fran*, mhux *qarn*), iżda bħalma Kap it-Tama t-Tajba tgħammed mill-Portugiżi, din il-gżejra, u magħha l-kap tal-Amerka t'Isfel, huma msemmija għall-belt Olandiża *Hoorn*, mnejn kien jiġi ċ-ċelebri baħħar u merkant Willem Schouten. Fid-dawl ta' din l-istorja, it-toponimu **Kap il-Qarn* kien ikun falz, u minfloku jaqbel l-isem Malti *Kap Horn*, jew *Kap Ħorn* biex jirrifletti aħjar it-tlissin tal-isem proprju, skont ir-regoli ta' trażlitterazzjoni li nadottaw.

**Xi jmiss**

Evitajt apposta li nsemmi d-diffikultajiet ortografiċi fit-trażlitterazzjoni tat-toponimi (fejn fattibbli), għax huma parti integrali mill-kriterji li se nesplora fit-tieni artiklu, u jeħtieġu ċertu żvilupp u dettall. *Kap Horn* jew *Ħorn*? *Lag Tanganyika* jew *Tanganjika*? Il-*Vulkan Fuji* jew *Fuġi*? Iktar diffiċli minn hekk, u bil-wisq iktar interessanti, tkun it-'traduzzjoni' proprja, il-ħolqien ta' toponimi bil-Malti fejn ma jeżistux jew mhumiex stabbiliti. L-ewwel deċiżjoni li tkun trid tittieħed, każ wara każ, hija jekk toponimu jaqbillux jiġi tradott, u jekk iva, kemm minnu jista' jinqaleb mingħajr ma tintilef it-trasparenza: ngħidu aħna, il-wied li minnu ġejja l-umanità kollha, għandna nsemmuh *il-Great Rift Valley*? *Il-Wied tal-Great Rift*? Jew forsi *il-Wied tal-Qasma l-Kbira*? Mit-tliet xmajjar il-kbar taċ-Ċina, apparti l-kwistjoni tal-ortografija tal-*Yangtse* (jew *Jangzè*), *ix-Xmara s-Safra* tinftiehem malajr bħala l-*Yellow River*, iżda x-*Xmara tal-Ġawhar* jaf tinħass wisq eżotika biex tkun reali. Deċiżjoni oħra, jew sensiela ta' deċiżjonijiet, ikunu jirrigwardaw l-użu ta' termini bażiċi li se jkunu komuni: bħalma *lag* tindika korp ta' ilma ikbar minn *għadira*, il-kelma *kaskata* tista' titqies xierqa biex tirreferi




għal dawk ta' Victoria, Niagara u Iguazú, jew hemm bżonn terminu ieħor li jwassal aħjar l-idea tad-daqs?

Dan l-ewwel artiklu kien diskussjoni preliminari ħafna, iżda l-vjaġġ lejn mappa tad-dinja bil-Malti beda: salpajna, għaddejna mill-Istrett ta' Ġibiltà bla ma żżerżaqna fil-belliegħa, u żbukkajna fl-oċean. Iżda sa ma nduru ma' Kap it-Tama t-Tajba – biex nirreferi għall-espressjoni ġeografika Ingliża (*to round the Cape of Good Hope*) – baqgħalna ħafna u ħafna x'naqdfu. L-ewwel passi tal-bini tal-kriterji għat-trażlitterazzjoni u għat-traduzzjoni jkunu pjuttost faċli, bl-Irjieħ Alizej impoppa, iżda kif naqbżu l-Ekwatur il-kriterji se jikkomplikaw ruħhom, u l-irjieħ se jkunu qed jonfħu bil-kontra, u se jkomplu jiħraxu iktar ma noqorbu lejn l-Oċean tan-Nofsinhar. Xorta waħda, nemmen li l-vjaġġ huwa importanti, u li jmur ħafna lil hinn minn sempliċi *divertissement*. Lil hinn mill-mili ta' lakuna kbira, u lil hinn mill-isfida personali jew kollettiva, l-ikbar vantaġġ li nara f'mappa tad-dinja bil-Malti jkun li, billi mhux biss inkunu nistgħu nħarsu lejn il-bqija tad-dinja b'għajnejna iżda wkoll naħsbuha, insemmuha u ngħixuha bi lsienna, psikoloġikament, dik id-dinja tkunilna inqas imbiegħda. U b'hekk, il-ħuta Maltija, sa ċertu punt, forsi ssib ruħha inqas iżolata, u iktar parti mid-dinja l-kbira milli hi bħalissa, flok mitlufa fil-mapep ta' lingwi oħra, mistura wara ċ-ċirku bl-istilla.

*Antoine Cassar huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

## MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti oħra*

**Minn rebbieħa tal-Juvenes Translatores għal *stagiaire* fid-DĠT**

Fl-2008, Paula Schembri kienet ir-rebbieħa Maltija tat-tieni edizzjoni ta' Juvenes Translatores, konkors annwali tal-Kummissjoni Ewropea għat-tradutturi żgħażagħ li fih jieħdu sehem aktar minn 3,000 student madwar l-UE. Ħames snin wara, Paula ngħaqdet mad-Dipartiment tal-Ilsien Malti tad-DĠT, il-Lussemburgu, għal apprendistat ta' ħames xhur. Storja ta' suċċess mhux biss għal Paula, li għandha karriera promettenti ħafna quddiemha, iżda wkoll għall-konkors Juvenes Translatores stess, li qed jilħaq l-għan tiegħu li jippromwovi l-professjoni tat-traduzzjoni fl-iskejjel, filwaqt li jħeġġeġ liż-żgħażagħ jistudjaw il-lingwi u t-traduzzjoni fil-livell universitarju.

Il-Ħamis 29 ta' Novembru 2008, fil-Junior College tal-Imsida. Fil-klassi, skiet taqsmu b'sikkina. Paula qed taqleb artiklu dwar l-importanza tat-tagħlim ta' varjetà ta' lingwi. Kif qed tħossha?

> "Eżatt qabel ma bdiet il-kompetizzjoni, niftakar li kont eċitata. Bqajt kalma u ffukata. L-interess tiegħi fil-lingwi u fit-traduzzjoni ilu ġej mit-tfulija; jaffaxxinawni l-ħafna modi li ssib biex tesprimi idea jew sentiment meta lingwa tużaha fil-potenzjal kollu tagħha. Fil-fatt, l-artiklu li kelli naqleb dakinhar kien proprju fuq hekk, u allura ħadt pjaċir ħafna nittraduċih."

Dawk is-sagħtejn li qattgħet tikkonċentra fis-skiet, Paula ma kellhiex l-impressjoni li kienet qed tagħmel eżami. Anzi, l-hena tagħha tfittex il-kelma preċiża, issib l-idjoma xierqa, tgħarrex għall-ekwivalenti kulturali fejn ma jkunx hemm korrispondenza sħiħa bejn iż-



żewġ ilsna. Ftit xhur wara, Paula sabet ruħha Brussell, bilwieqfa bejn Juhani Lönnroth (dak iż-żmien id-Direttur tad-DĠT) u l-Kummissarju Orban, hi u tiġbor il-premju tal-Juvenes Translatores.

> "Kienet esperjenza sabiħa ħafna li tatni sens ta' sodisfazzjon, u fuq kollox tatni l-motivazzjoni biex inkompli nitgħallem il-lingwi u nistudja t-traduzzjoni."

U, fil-fatt, dik l-istess esperjenza wasslet għal żviluppi sbieħ lil hinn mill-karriera tagħha: fost ir-rebbieħa mill-pajjiżi l-oħra tal-UE għamlet ħbieb ġodda, u għadhom f'kuntatt sal-lum.

> "Wara ċ-ċerimonja, bqajt f'kuntatt ma' tliet rebbieħa. Kull meta konna nsibu ċans konna nitkellmu fuq kollox: l-istudju, il-passatempi, il-pajjiżi li żorna, id-differenzi bejn il-lingwi u l-kulturi tagħna ..."

Ħames snin wara, b'BA Unuri fil-Lingwa u l-Letteratura Franċiża ġewwa u b'Masters fit-Traduzzjoni fuq ix-xefaq, Paula qed tgawdi kemm tista' l-apprendistat tagħha fid-DĠT.

> "Il-ħajja fil-Lussemburgu, u x-xogħol mal-Kummissjoni Ewropea, qed jagħtuni l-opportunità li nrabbi attitudni iktar



miftuħa u iktar multikulturali, u qed insir iktar multilingwi wkoll. Mindu wasalt, bdejt nitgħallem il-Portugiż, l-Ispanjol u l-Ġermaniż, u ngħallem il-Franċiż lill-*istagiaires* sħabi. L-apprendistat qed jilħaq l-aspettattivi tiegħi u jisboqhom."

Bejn tant lingwi, liema hi l-favorita tagħha? Bla dubju, il-Franċiż.

"Togħġobni l-istruttura tas-sentenzi bil-Franċiż, qisha xmara, b'mod li l-ideat u l-ħsibijiet tista' tesprimihom b'mod loġiku u bi preċiżjoni. Jogħġobni anki l-vokabolarju tal-Franċiż, rikk u varjat ħafna, f'kull reġistru."

Għal aktar tagħrif dwar l-apprendistat fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, żur il-paġna http://ec.europa.eu/stages.

~ • ~

**Ir-rwol tal-Uffiċjal tal-Lingwa fir-Rappreżentanza tal-KE f'Malta**
Brian Buhagiar

F'kull Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea hemm uffiċjal tad-DĠT (jew tnejn) imsejjaħ l-Uffiċjal tal-Lingwa. Għal Malta hemm jien u ili ftit iktar minn tliet snin.

Ir-rwol tal-Uffiċjal tal-Lingwa jvarja minn Rappreżentanza għal oħra, l-iktar minħabba li r-realtà partikolari ta' kull Stat Membru hija differenti iżda anki minħabba l-preferenzi jew il-ħiliet partikolari tal-uffiċjal involut. Iżda fil-kalendarju tagħna hemm jiem jew attivitajiet ta' prominenza komuni għal kull Stat Membru.

Il-kompetizzjoni tat-tradutturi żgħażagħ Juvenes Translatores tapplika għall-istudenti tas-sixth form li jkunu fl-ewwel sena. Fil-każ ta' Malta, in-numru massimu ta' skejjel li jistgħu jieħdu sehem kull sena huwa sitta (l-istess daqs is-siġġijiet fil-Parlament Ewropew) u kull sena naċċerta li jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni mill-inqas sitt iskejjel. Sitt iskejjel mhux xi għadd enormi imma minħabba li d-data tal-għeluq biex tieħu sehem f'din il-kompetizzjoni taħbat viċin il-bidu tas-sena skolastika, spiss ikollok tiffitta ftit lill-kapijiet tal-iskola u tfakkarhom.

Il-Jum Ewropew tal-Lingwi li jaħbat fis-26 ta' Settembru wkoll huwa punt saljenti għalina l-Uffiċjali tal-Lingwa. Kull sena nipprova norganizza xi ħaġa differenti bl-iskop li naħdem ma' partijiet interessati differenti fil-kamp tal-lingwa u t-traduzzjoni kif ukoll biex niġbed kemm jista' jkun nies u ġurnalisti għall-attività partikolari. F'Settembru li għadda pereżempju, għamilna fiera tal-lingwi fi Pjazza Tignè b'bosta stands biex jippromwovu assoċjazzjonijiet differenti tal-lingwa u l-kultura. Ħadu sehem l-Għaqda tal-Malti tal-Università, l-Alliance Française, il-Fondazzjoni Valletta 2018, l-Aġenzija Nazzjonali taż-Żgħażagħ, is-Centro Cultural Hispano Maltés, iċ-Ċentru Kulturali Ċiniż, l-Assoċjazzjoni Kulturali Ġappuniża, il-Fondazzjoni Reggie Miller, id-Deaf People Association, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u ċ-Ċentru tal-Lingwa Għarbija. Il-poeta u kollega Antoine Cassar għalaq l-attività b'qari tal-aħħar xogħol tiegħu MAPPA TAL-MEDITERRAN, akkumpanjat mill-mużiċisti Effie Azzopardi u Samwel Grima.

Forsi waħda mill-ikbar sfidi hi li tagħmel iktar b'inqas, u kultant li tagħmel iktar b'xejn! Wieħed mir-rwoli tal-Uffiċjal tal-Lingwa huwa




Waqt *Jum l-Ilsna Ewropej*, Tignè, nhar is-26 ta' Settembru 2013

li jorganizza attivitajiet li jippromwovu t-tagħlim tal-lingwi, il-multilingwiżmu u t-traduzzjoni. Waqt l-ewwel laqgħa annwali tal-uffiċjali tal-lingwa li attendejt għaliha, ġietni l-idea li nibda norganizza serata letterarja Maltija fil-pajjiż tal-Presidenza tal-UE, f'kollaborazzjoni mal-Uffiċjal tal-Lingwa tal-pajjiż partikolari. Hekk evitajt li 'nikkompeti' ma' għaqdiet lokali kompetenti li jorganizzaw serati letterarji Maltin u nirreplika xogħolhom, u żidt il-probabbiltà li niġbed l-interess tal-ġurnalisti biex jitkellmu dwarha. Din l-attività saret parti mill-kalendarju tiegħi u għadni kemm ġejt lura minn Vilnjus – is-sitt serata letterarja Maltija ta' dan it-tip, mal-kittieba Simone Inguanez.

Parti minn xogħol l-Uffiċjal tal-Lingwa huwa li jagħti preżentazzjonijiet lil udjenzi differenti, u li jvarjaw minn studenti tal-primarja sa dawk fil-livell terzjarju u l-pubbliku ġenerali. Is-sena li għaddiet kienet tinvolvi ftit iktar minn dawn minħabba l-*concours* tat-tradutturi tal-Malti. Dan fisser li ridna nxerrdu l-kelma biex ikunu jafu kemm jista' jkun nies b'din l-opportunità. Dejjem sibt li l-aqwa prassi hija dik li tinvolvi l-kollaborazzjoni. Flimkien mal-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew u l-EPSO għamilna preżentazzjoni dwar l-eżami tat-tradutturi u stedinna lill-pubbliku u 'l-ġurnalisti. Imbagħad bl-għajnuna tad-dipartiment Malti fid-DĠT deher artiklu dwar ix-xogħol tat-tradutturi Maltin li kien fih ukoll intervisti. Meta għalqu l-applikazzjonijiet, f'kollaborazzjoni mas-Segretarjat tal-Presidenza tal-UE 2017 u tal-Fondi tal-UE, tajt erba' sessjonijiet ta' taħriġ li seta' jattendi għalihom kull min applika, u li kienu ffukati fuq il-mistoqsijiet b'alternattivi varji li spiss iħabbtu lil min jagħmel dan l-eżami.

Iżda l-attivitajiet li jinvolvi ruħu fihom l-Uffiċjal tal-Lingwa mhumiex biss dawk li jorganizza hu. Hemm bosta attivitajiet oħra li jsiru minn entitajiet oħra u li jistidnuni biex nieħu sehem fihom. U fuq kollox hemm l-attivitajiet tar-Rappreżentanza, li bi staff żgħir tapprezza daqqa t'id minn kulħadd.

Ħallejt għall-aħħar, għax *dulcis in fundum*, ix-xogħol ta' traduzzjoni, editjar u lokalizzazzjoni tal-messaġġ li hu parti mill-ħajja ta' kuljum ta' Uffiċjal tal-Lingwa. Kull komunikazzjoni li toħroġ mir-Rappreżentanza ssir f'żewġ lingwi u allura kollox b'xi mod jew ieħor irid jgħaddi minn taħt l-Uffiċjal tal-Lingwa.

Dan ir-rwol huwa opportunità għat-tradutturi biex jutilizzaw l-għarfien tagħhom billi jaħdmu f'kamp li jlaqqa' fih dak li huma familjari miegħu u dak li għalihom huwa kompletament ġdid. Huwa wkoll opportunità għalina l-Maltin biex niftakru li xi darba konna ngergru bis-sħana.

*Brian Buhagiar huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

~ • ~

**Il-VTS f'Malta – Żjarat fl-Università u fis-Settur tas-Sajd u l-Akkwakultura**
Carmen Carabott

Meta, lejn tmiem l-2012, ħarġu l-applikazzjonijiet għall-*Visiting Translators Scheme* tal-2013, ikkonkludejt li din kienet skema ideali biex inwettaq xogħol ta' terminoloġija fis-settur tas-Sajd u l-Akkwakultura, xogħol li kont ilni nixtieq nagħmlu għal bosta xhur iżda qatt ma sibt il-ħin. Barra minn hekk, jekk dan ix-xogħol isir Malta, inkun nista' nikkonsulta esperti fis-settur u b'hekk narmonizzaw it-termini tagħna ma' dawk li jintużaw Malta.

Billi ġejja mill-kamp edukattiv, ħsibt ukoll li nagħmel żjarat l-Università, biex mhux biss nindirizza lill-istudenti iżda nattendi wkoll xi lezzjonijiet, għax qatt ma kont studjajt il-Malti fl-Università jew id-dixxiplina tat-traduzzjoni.

Safrattant ikkomunikajt kemm mal-Università kif ukoll ma' partijiet interessati fis-sajd u l-akkwakultura f'Malta biex wasalt għal skeda ta' tliet ġimgħat. Min-naħa tad-Dipartiment tal-Malti fil-Lussemburgu, ikkoordinajt mat-terminologi sabiex ipprovdewli aktar minn 250 terminu relatati mas-sajd u l-akkwakultura li riedu jiġu kkonfermati jew irriċerkati.

**Fl-Università ta' Malta**

Meta ppjanajt iż-żjara tiegħi l-Università ta' Malta kelli żewġ skopijiet. L-ewwel skop li nindirizza lill-istudenti fil-korsijiet tal-Malti u tat-Traduzzjoni u nkellimhom dwar xogħolna, l-għodda li nużaw, ħajjitna barra minn Malta f'komunità multikulturali u l-opportunitajiet disponibbli għalihom. It-tieni skop kien li nattendi għal lezzjonijiet tad-Dipartiment tal-Malti u tad-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, Terminoloġija u Interpretazzjoni.

Kelli kollaborazzjoni sħiħa miż-żewġ dipartimenti (Dr Bernard Micallef u Prof. Joseph Eynaud rispettivament). Ingħatajt il-kuntatti kollha kif ukoll skeda tal-lezzjonijiet għall-perjodu li kont se nkun hemm jien fih. B'konsegwenza ta' dan attendejt lezzjonijiet dwar l-Istorja tal-Lingwa Maltija u l-Malti bħala Għodda Komunikattiva mas-Sur Olvin Vella u lezzjonijiet dwar il-Malti għat-Traduzzjoni ma' Dr George Farrugia. Mil-lat ta' traduzzjoni attendejt lezzjonijiet dwar it-Teoriji tat-Traduzzjoni ma' Dr Sergio Portelli. Matul dawk it-tliet ġimgħat indirizzajt lill-istudenti tal-Malti tat-tielet sena u kellimthom dwar xogħolna u l-opportunitajiet tax-xogħol mal-istituzzjonijiet Ewropej, u lill-istudenti tal-Malti tat-tieni sena fejn il-fokus kien fuq it-traduzzjoni u t-terminoloġija.

Kelli wkoll l-okkażjoni nitkellem mal-istudenti tad-Diploma tat-Traduzzjoni u wrejthom fid-dettall kif naħdmu bl-SDL Trados Studio u l-għodda l-oħra għad-dispożizzjoni tagħna. Waqt sessjoni oħra mal-istudenti kollha ta' dan id-Dipartiment tkellimt dwar xogħolna u l-istituzzjonijiet Ewropej, l-esperjenza tagħna barra minn Malta u opportunitajiet tax-xogħol.

**Terminoloġija fis-Settur tas-Sajd u l-Akkwakultura**

Il-punt tat-tluq hawnhekk kienet lista ta’ aktar minn 250 terminu minn dan is-settur ġentilment ippreparata mit-terminologi tad-Dipartiment. Din kienet il-bażi ta’ ħafna riċerka fis-sezzjoni tal-Melitensia fl-Università ta’ Malta, kif ukoll diversi laqgħat matul il-ġimgħat li kont Malta.

Il-laqgħat kienu dawn:

**1.** Laqgħa ma’ Dr Robert Vassallo Agius, il-Kap taċ-Ċentru ta' Riċerka tal-Akkwakultura ta' Malta fit-Torri San Luċjan, u ħareġ il-fatt li ma hemm ebda struttura sabiex l-informazzjoni (anke mmirata għall-pubbliku ġenerali) tiġi tradotta għall-Malti. Fi spirtu ta’ kooperazzjoni offrejt li nittraduċi wieħed minn dawn il-fuljetti ta’ informazzjoni li issa jinsab fil-proċess tal-istampar fil-verżjoni Maltija.

**2.** Laqgħa ma’ Dr Edric Micallef, mid-Dipartiment Legali tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, u ħareġ li l-verżjonijiet bil-Malti huma kkonsultati regolarment. Filwaqt li ġie rrimarkat li l-kwalità hija ġeneralment tajba, ġieli nstabu xi inkonsistenzi mat-testi bl-Ingliż u bit-Taljan. Żammejna dan il-kuntatt miftuħ sabiex jekk ikun hemm inkonsistenza fit-test tal-liġijiet bil-Malti dawn jingħaddu lilna sabiex isiru r-rettifiki meħtieġa.

**3.** Laqgħa mas-Sin. Roberta Mifsud, is-Sin. Rachel Ann Galea u s-Sur Michael Darmanin, u ngħatajna opinjonijiet dwar it-traduzzjonijiet tagħna u ddiskutejna xi termini mil-lista li kont qed naħdem fuqha. Ġie stabbilit li s-Sin. Eleanor Ciantar, li taħdem fis-settur tal-Kontroll tas-Sajd, tkun il-kuntatt tagħna fid-Dipartiment.

Wara l-laqgħat ħejjejt dokument li jispjega l-kollaborazzjoni attwali u futura bejn iż-żewġ dipartimenti, flimkien ma’ lista ta’ termini mis-settur li dwarhom xtaqna l-opinjoni tal-esperti li ngħatat lill-membri tal-Bord tas-Sajd waqt laqgħa fl-4 ta’ Diċembru 2013. Sfortunatament ma rċevejna ebda reazzjoni mingħand il-membri u dan nammetti li huwa diżappuntanti. Il-lista terminoloġika nqasmet fi tliet listi oħra wara r-riċerka fil-fond li saret kif spjegat fil-paġna li jmiss.



Lista A – lista ta' 152 terminu li jew diġà kienu fil-IATE jew li r-riċerka tat sorsi affidabbli ħafna. Dawk it-termini li diġà kienu fil-IATE ġew ivverifikati ma' sorsi oħrajn u, fejn kien xieraq, żidt definizzjonijiet u kuntesti. Din l-informazzjoni ngħatat lit-terminologi u l-informazzjoni kollha addizzjonali diġà ddaħħlet fil-IATE.

Lista B – lista ta' 78 terminu li jew ma kinux fil-IATE (u ma stajtx insib sors affidabbli biżżejjed) jew ħassejt li r-referenza mogħtija kienet teħtieġ aktar verifika. Ġie suġġerit terminu bil-Malti għal kull entrata filwaqt li ngħata r-raġunament wara kull terminu. Dawn ġew diskussi aktar fil-fond waqt il-laqgħat li kelli, u għadu għaddej ix-xogħol dwarhom.

Lista Ċ – lista ta' 18-il terminu fejn ma stajt insib ebda informazzjoni mir-riċerka li għamilt li setgħet twassalni għal verżjoni Maltija. Din il-lista ngħatat lill-kuntatti kollha tagħna għar-reazzjonijiet u l-opinjonijiet tagħhom.

**Attivitajiet oħra**

Matul it-tliet ġimgħat tiegħi Malta kelli opportunitajiet oħra li ħassejt li kelli nisfrutta, fosthom:

L-attività Back to School – peress li din kienet se ssir waqt li kont Malta ħtaft l-opportunità mmur l-iskola sekondarja tal-Bniet tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca l-Blata l-Bajda, fejn kont studenta jien, u qattajt ġurnata nkellem lill-istudenti u nagħti preżentazzjonijiet dwar l-istituzzjonijiet Ewropej.




Laqgħat fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika – b'kuntatt personali kelli laqgħat mad-Direttur Ġenerali tal-NSO, is-Sur Michael Pace Ross u l-Kap tal-Komunikazzjoni u l-Kooperazzjoni Esterna, is-Sin. Catherine Vella u stabbilixxejt kuntatt magħhom u ngħatajt kopja tal-ktieb BILINGUAL GLOSSARY OF STATISTICAL TERMS ENGLISH-MALTESE li ħareġ fl-2013. Dan ġie senjalat lill-Korrispondent tad-Dipartiment għal-Librerija biex jinxtraw kopji tiegħu.

**Evalwazzjoni ġenerali**

Matul it-tliet ġimgħat li qattajt Malta rnexxieli nagħmel kulma ppjanajt. Mil-lat terminoloġiku x-xogħol għadu għaddej u ġaladarba tibda r-riċerka tħoss li għandek bżonn aktar jiem fil-librerija. Wieħed jispera li l-kuntatti li għamilna mad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwkultura jagħtu l-frott, għalkemm sfortunatament ninnota li s'issa ma kellniex parteċipazzjoni attiva minn dawn il-kuntatti.

Fl-Università ta' Malta l-affarijiet ma setgħux imorru aħjar u kelli kull appoġġ mingħand l-awtoritajiet. Sfortunatament ma rċevejtx il-materjal kollu li tlabt mingħand id-DĠ COMM u kien biss bl-għajnuna ta' Brian Buhagiar li kelli materjal biżżejjed xi nqassam lill-istudenti universitarji. M'hemmx dubju li hemm għatx kbir sabiex isiru jafu x'hemm disponibbli għalihom u kif naħdmu aħna.

L-esperjenza tal-VTS kienet waħda pożittiva ħafna minn kull lat. L-Università rajt interess qawwi mill-istudenti. Min-naħa l-oħra kien interessanti ferm li niddiskuti xogħolna u t-terminoloġija rilevanti ma' nies li jaħdmu effettivament fis-settur ikkonċernat.

*Carmen Carabott hija traduttriċi mal-unità web tad-DĠT, il-Kummissjoni Ewropea*

**Mikiel Anton Vassalli, traduttur**
Ivan Said



It-traduzzjoni għall-Malti kienet l-epilogu tal-ħajja mqanqla ta' Mikiel Anton Vassalli. L-akbar biċċa xogħol ta' traduzzjoni li għamel Missier l-Ilsien Malti kienet il-qlib mil-Latin tal-Vanġeli u l-Atti tal-Appostli.

Ninu Cremona, l-ewwel bijografu ta' Vassalli, jistqarr li "l-aħħar xogħol it-traduzzjoni tal-Vanġeli ... għalkemm taħt it-toqol taż-żminijiet kiefra, taħt il-qilla ta' mard u faqar, għaraf jibni għamla ta' kitba u stil li fuqha maż-żmien kellha tissawwar il-proża Maltija." (1975: I)

Kif daħal Vassalli fil-professjoni tat-traduzzjoni? Tal-oppożizzjoni li wera kontra setgħet pajjiżu mhux l-ewwel darba ħallas prezz għoli. L-Ordni qaflitu fil-ħabs wara li nqabad f'komplott kontra l-Gran Mastru. Qatgħuhielu għall-mewt iżda wara qafluh għal għomru fir-Rikażli. Ħbiebu ħarrbuh u sab ruħu Salerno. M'għandniex xi ngħidu, meta ġew il-Franċiżi f'Malta Vassalli sab ruħu Malta iżda fl-imblokk inqabad il-Belt u, meta tkeċċew il-Franċiżi, hu u ħiereġ minn hemm ġie arrestat mill-Ingliżi. Fl-1800, ġie kkundannat għal għomru fl-eżilju. Mar Marsilja, Franza, iżżewweġ lil Katerina Formosa de Fremaux u kellu tlett itfal, iżda rritorna pajjiżu xi għoxrin sena wara.[1]

F'Malta taħt l-Ingliżi, Vassalli kien fqir u għajjien. Ma nafux jekk kellux rispons tajjeb għall-avviż li huwa ppubblika fil-Gazzetta tal-Gvern f'Novembru tal-1820 (is-sena tar-ritorn tiegħu u ta' familtu f'Malta) li kien jgħid li se jibda jagħti l-lezzjonijiet tal-Franċiż fi 347, Triq San Pawl, il-Belt. "Meta ġie Malta ma sab ebda għajnuna mingħand ħadd... F'supplika lill-Arċisqof Malti jistqarr kemm kien fqir u li ma kellux biex jgħajjex il-familja." (Sant: 59: 1993)

Iżda Sir John Hookham Frere, diplomatiku Ingliż u lingwista, għenu ħafna fl-aħħar snin ta' ħajtu. Sir John, li kellu "interess fil-koltivazzjoni tal-Malti u l-edukazzjoni tal-poplu in ġenerali" (Sant, 1993: 59), saħansitra għen lil Vassalli biex sar l-ewwel Professur tal-Malti fl-Università ta' Malta u ħallaslu s-salarju.

Mons. Karm Sant jemmen li Sir John laqqa' lil Vassalli mar-Rev. W. Jowett (Sant 1975: 27), u

[1] Sa minn meta Ninu Cremona ħareġ għad-dawl il-ħajja u l-ħidma ta' Vassalli bil-bijografija Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu, l-ewwel f'sensiela ta' artikli f'Il-Malti u mbagħad miġburin fi ktieb, ir-riċerka dwar Vassalli qatt ma waqfet. Saħansitra fil-5 ta' Marzu li għadda, fil-Palazz ta' San Anton tnediet il-bijografija dwar dan l-Illuminista Malti tas-seklu tmintax, M.A. Vassalli (1764-1829) – An enlightened Maltese reformer, miktuba mill-istoriku eminenti, il-Professur Frans Ciappara, u qed nistennew ktieb ieħor, Minn fomm Vassalli: Tagħrif ġdid fil-manuskritti tal-Kanonku Fortunato Panzavecchia ta' David Agius Muscat u Olvin Vella. Ħafna mir-riċerka, jekk mhux kollha, li saret sal-1993, inġabret f'edizzjoni speċjali tal-Journal of Maltese Studies – Essays on Mikiel Anton Vassalli, editjat mill-Professur Oliver Friggieri. Fih hemm ukoll "Id-dati ewlenin fil-ħajja ta' Vassalli" (p. 34-36). Kronoloġija simili ħafna, flimkien ma' kronoloġija tal-avvenimenti storiċi ewlenin ta' żmienu, tista' tinsab fil-Lexicon ta' Mikiel Anton Vassalli (preżentazzjoni u annotamenti ta' Frans Sammut, SKS, 2002). Hemm ukoll paġna tal-Facebook iddedikata lil Vassalli.



CAPUT PRIMUM.

Ktŷb tan-nysel ta Gesu Krystu byn David, byn Abrâm.
2. Abrâm nyssel l' Isħâk: u Isħâk nyssel yl Gakôb: u Gakôb nyssel yl Gûda, u yl ħûtu.
3. U Gûda nyssel yl Fâres, u yl Zâram myn Tâmar: u Fâres nyssel yl Ɦesrûn; u Ɦesrun nyssel l' Arâm.
4. U Arâm nyssel yl Ƞaminadâb: u Ƞaminadâb nyssel yl Naħsûn: u Naħsûn nyssel yl Salmûn.
5. U Salmûn nyssel yl Boƞoz myn Râħab: u Boƞoz nyssel yl Ƞôbed myn Rût: u Ƞôbed nyssel yl Jesse: u Jesse nyssel yl David ys-sultân.

Liber generationis Jesu Christi filii David, filii Abraham.
2. Abraham genuit Isaac. Isaac autem genuit Jacob. Jacob autem genuit Judam, et fratres ejus.
3. Judas autem genuit Phares, et Zaram de Thamar. Phares autem genuit Esron. Esron autem genuit Aram.
4. Aram autem genuit Aminadab. Aminadab autem genuit Naasson. Naasson autem genuit Salmon.
5. Salmon autem genuit Booz de Rahab. Booz autem genuit Obed ex Ruth. Obed autem genuit Jesse. Jesse autem genuit David regem.

L-antenati ta' Ġesù Kristu
(Lq 3,23-38)

1 [1]Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham. [2]Abraham nissel lil Iżakk, Iżakk nissel lil Ġakobb, Ġakobb nissel lil Ġuda u lil ħutu, [3]Ġuda nissel lil Fares u lil Żaraħ minn Tamar, Fares nissel lil Hesron, Hesron nissel lil Aram, [4]Aram nissel lil Għamminadab, Għamminadab nissel lil Naħson, Naħson nissel lil Salmon, [5]Salmon nissel lil Bogħaż minn Raħab, Bogħaż nissel lil Għobed minn Rut, Għobed nissel lil Ġessi, [6]Ġessi nissel lis-sultan David.

L-ewwel ħames versi tal-Ewwel Kapitlu tal-Evanġelu ta' San Mattew kif qalibhom Vassalli, flimkien mal-*vulgata* bil-Latin, kif dehru fl-edizzjoni ppubblikata mill-Protestanti fl-1829, imqabbla mal-edizzjoni moderna tal-Għaqda Bibblika Maltija tal-1984.

li dan il-qassis Anglikan kien id-Direttur tal-pubblikazzjonijiet taċ-Church Missionary Society (CMS), li f'ittra tat-28 ta' April, 1823, stqarr li "huwa rnexxielu fl-aħħar iqabbad traduttur ġdid għall-Malti, li fejn l-oħrajn hu l-aħjar wieħed fil-Gżira, sew għal dik li hija ħila kemm għal dak li hu isem, u dan hu xejn inqas ħlief l-għaref Antonio Vassallo [sic], awtur ta' dizzjunarju Malti, li kien qiegħad jgħix f'faqar kbir." (Cremona 1975: 61)[2]

Jidher li Vassalli beda jaqleb il-Vanġelu skont San Mattew fil-bidu tal-1823 ftit wara li qabbduh il-Protestanti, u f'April tal-istess sena beda t-traduzzjoni tal-Vanġelu skont San Mark u spiċċa bil-qlib tal-Atti tal-Appostli f'Jannar 1829, ftit qabel ma miet (Cremona 1975: 189). Vassalli ma ħadimx fuq it-test tal-Bibbja Protestanta Ingliża imma ħadem fuq il-verżjoni Latina, il-*Vulgata*[3], it-test uffiċjali tal-Knisja Kattolika.

[2] Is-CMS daħlet f'Malta fl-1815 bl-iskop li xxerred l-Anglikaniżmu fil-Mediterran u waqqfet stamperija f'pajjiżna fl-1822 (Vella, 2006: 37).

[3] Din hi l-verżjoni uffiċjali tat-traduzzjoni mil-Latin tal-Bibbja tal-Knisja Kattolika: il-*versio vulgata*, li tfisser 'it-traduzzjoni l-aktar użata' li fis-seklu sittax ġiet ipproklamata uffiċjalment bħala l-verżjoni Latina definittiva tal-Bibbja tal-Knisja Kattolika (http://en.wikipedia.org/wiki/Vulgata).

Huwa miet fil-faqar fit-12 ta' Jannar 1829, b'attakk f'qalbu kkawżat mill-kankrena, meta kien qed jaqra l-provi tat-traduzzjoni tiegħu stess, peress li ma ried lil ħadd min jaqrahomlu (Cremona 1975: 68).

Il-Vanġeli u l-Atti ħarġu stampati f'Londra ftit xhur wara mewtu fl-1829, it-traduzzjoni bil-Malti kellha magħha l-*Vulgata*. M'aħniex ċerti jekk laħaqx ittraduċa xi ftit mill-ittri ta' San Pawl. Din it-traduzzjoni ħarġet wara li l-Protestanti Ingliżi ppubblikawlu f'Malta t-tieni ħarġa tal-Grammatica – Lingua Maltese tiegħu bit-Taljan f'Settembru tal-1827 u ġabra ta' aktar minn 800 proverbju Malti bit-titlu Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi fl-1828. Jidher li t-traduzzjoni tal-Vanġeli u l-Atti saret minn Vassalli b'kundizzjoni li qabel jippubblikawlu dawn it-tnejn (Sant, 1993: 61).

Mons. Karm Sant, bl-awtorità ta' Biblista, jistqarr li "it-traduzzjoni ta' Vassalli baqgħet fondamentali fl-istorja tat-traduzzjoni Maltija tal-Vanġeli u l-Atti" u jsemmi bosta tradutturi Maltin li użaw din it-traduzzjoni meta ġew biex jittraduċu l-Bibbja bil-Malti (1993: 62). Għal Cremona f'dan ix-xogħol tat-traduzzjoni tal-Vanġeli "kien għad hemm ilebilbu n-nirien ta' moħħ misjur u mikdud mid-dwejjaq u għeja ta' ħajja xewwiela, imħabbta, imħawda, li

baqgħet tissabbar u taħdem u tagħraq sal-aħħar nifs.” (Cremona 1975: I)

Sentejn wara mewtu, fl-1831, il-Protestanti stampaw traduzzjoni oħra ta’ Vassalli, STORJA TAS-SULTAN ĊIRU oriġinarjament bil-Franċiż, meħuda mill-HISTOIRE ANCIENNE DES EGYPTIENS, DES CARTHAGINOIS, DES ASSYRIENS, DES BABYLONIENS, DES MEDES ET ..., ta’ Charles Rollin. Aktarx li Vassalli għamel din it-traduzzjoni għall-ħabta tal-1825 meta kien qed jgħin lir-Rev. Jowett f’xi kotba tat-tagħlim. Anke hawn, skont Cremona, Vassalli “wera sengħa kbira” u “ħoloq bidu ta’ stil Malti”, madankollu “ma nistgħux ngħidu li huwa tajjeb f’kollox.” (1975: 103)

Fl-1793, fl-aqwa tiegħu, Vassalli ppubblika traduzzjoni għal-Latin ta’ tliet skrizzjonijiet Kufiċi, li ppubblika, flimkien ma’ spjega, fi ktieb bit-titlu TRIA MONUMENTA LAPIDEA SEPULCRALIA KUFICO-ARABICO-SICULA etc. Qabel qaleb l-epigrafi ta’ oqbra b’karattri Kufiċi għal-Latin, ittraskriviehom bin-Neski. (Cremona 1975: 88)



Din is-sena qed niċċelebraw il-250 sena mit-twelid ta’ Vassalli fil-5 ta’ Marzu. Hawn qed jidher f’riljiev tal-iskultur Ċensu Apap filwaqt li fid-daħla qed jidher f’pittura ta’ Anna Galea.



des colliers et des bracelets, au lieu que les
Perses étaient vêtus fort grossièrement. Cyrus
ne fut point ébloui de tout cet éclat, et sans
rien critiquer ni condamner, il sut se mainte-
nir dans les principes qu’il avait reçus dès son
enfance. Il charmait son grand-père par des
saillies pleines d’esprit et de vivacité, et gagnait
tous les cœurs par des manières nobles et en-
gageantes. J’en rapporterai un seul trait qui
pourra faire juger du reste.



Farsin kŷnu jylbsu ħuejjeg ƅouɰna. Ciru b’ dik
yd-dia tal qorti Mŷdja ɰejn ma stanġeb, anqas
mylæ ɑajnejh, li qat ma kŷnu mdorrijin jytɑam-
mɰɰu byd-doƅƅân, u byn-nefƅa: ymma qat la
kŷn jytnyffes, anqas jɢir eu jmŷri, jâra ɰ’ jâra;
u hekk ɑaraf jybqañ jzomm ruħu kif kŷn trabba
f’ dâru by klŷmu muŷzen u maqjus. Bylli kŷn
jâf jgib ruħu mañ nannuh, u kŷn jyslytlu qalbu
by klŷmu, dâk kŷn sâr jħobbu uysq, u mañ ftit
zmŷn daħal fyl qlub ta kollħad.

*Is-Sultan Ċiru:* Fuq ix-xellug, silta oriġinali bil-Franċiż mill-HISTOIRE ANCIENNE DES EGYPTIENS, DES CARTHAGINOIS, DES ASSYRIENS, DES BABYLONIENS, DES MEDES ET ..., ta’ Charles Rollin, it-Tieni Taqsima, p. 224 u fuq il-lemin, kif l-istess silta qalibha Vassalli fl-edizzjoni ppubblikata mill-Protestanti fl-1831, p. 6-7.




Jien inqis lil Vassalli bħala wieħed mill-akbar Maltin li qatt ra pajjiżna, jekk mhux l-akbar, li twieled qabel żmienu, jew aħjar, li twieled barra minn loku. Kien minn tal-ewwel li tkellem dwar Malta nazzjon. Ftit fehmuh fi żmienu. Huwa kbir mhux biss għax sejjes il-grammatika tal-Malti tal-lum, kien għaref, kien jaf ħafna lingwi u kien patrijott, iżda għax fuq kollox kellu viżjoni għall-iżvilupp tal-poplu Malti. Mhux biss ħadha kontra l-qawwiet ta' żmienu li kkalpestaw lill-Maltin, iżda kellu viżjoni u pjan ta' kif il-fidwa ta' dan il-poplu setgħet isseħħ.

It-traduzzjoni wriet li dan il-bniedem verament kellu setgħa fuq l-ilsien Malti li tant kien iħobb u li kien kapaċi jħaddmu f'kull ċirkostanza, b'ċerta finezza, inkluża t-traduzzjoni mill-Kotba Mqaddsa.

*Ivan Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

## Biblijografija


Cremona, Ant., Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu, Edizzjoni Klabb Kotba Maltin, 1975.

Quator Evangelia et Actus Apostolorum juxta Vulgatam Romae A.D. M.D.XCII. Editam: Neonon eorundem versio Melitensis, Londini: typis excudebat R. Watts. M.DCCC.XXIX, traduzzjoni attribwita b'ċertezza lil M.A. Vassalli.

Rollin, Charles, Histoire ancienne des Egyptiens, des Carthaginois, des Assyriens, des Babyloniens, des Medes et..., Livre IV, Chapitre I. pp. 221-270. Jinsab fuq http://books.google.com.mt

Sant, Karm, It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti 1810-1850, L-Università Rjali ta' Malta, 1975.

Sant, Karm, "Studjuż u traduttur", Journal of Maltese Studies – Essays on Mikiel Anton Vassalli, 23-24, Malta: Id-Dipartiment tal-Malti, il-Fakultà tal-Arti, l-Università ta' Malta, 1993, 58-62.

Storja tas-Sultan Ciru, mohuda myr-Rollin, Malta, 1831, traduzzjoni attribwita b'ċertezza lil M.A. Vassalli.

Vella, Olvin, "The Church Missionary Society printing press (1822-1844) and the cultivation of the Maltese language", Treasures of Malta, 36, Vol. XII Nru 3. Malta, il-Fondazzjoni Patrimonju Malti bl-assoċjazzjoni tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, is-Sajf 2006.



**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

**http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines**

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna hawn: **l-accent@ec.europa.eu**

***Koedituri***: *Mark Vella, Louise Vella, Antoine Cassar*

***Distribuzzjoni***: *Maryann Agius*

***Impaġnar***: *Alan Delia*

***Qari tal-Provi***: *Jeantide Naudi, Angela Debono, Jennifer De Barro*

***Editur tal-Istil***: *Mark Amaira*



**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*